# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI RUIZ-JARABO COLOMER

ippreżentati fit-3 ta' Frar 2009 [1]

## Werrej


I — Introduzzjoni . . . . . . . . . . I - 6420

II — Il-fatti tal-kawża fl-ewwel istanza . . . . . . . . . . I - 6420

A — Il-proċedura amministrattiva . . . . . . . . . . I - 6420

B — Il-proċedura kontenzjuża . . . . . . . . . . I - 6422

III — Il-kuntest ġuridiku . . . . . . . . . . I - 6424

A — Id-dritt Komunitarju fuq il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet . . . . . . . . . . I - 6424

B — Is-sentenzi preċedenti li għandhom effett fuq din il-kawża. . . . . . . . . . . I - 6426

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata . . . . . . . . I - 6427

A — Il-proċedura fil-kawża T-351/03 . . . . . . . . . . I - 6427

B — Kontenut essenzjali tas-sentenza kkontestata (kawża T-351/03) . . . . . . . . I - 6429

1. Fuq il-ksur suffiċjentement serju . . . . . . . . . . I - 6429

2. Fuq ir-rabta kawżali . . . . . . . . . . I - 6430

3. Id-delimitazzjoni tad-danni mġarrba mir-rikorrenti . . . . . . . . . . I - 6432

a) Onorarji, spejjeż amministrattivi u spejjeż ġudizzjarji sostnuti minn Schneider . . . . . . . . . . I - 6432

b) Fuq it-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment ta' Legrand lil Wendel-KKR biex seta' jkun hemm posponiment tad-data ta' eżekuzzjoni tat-trasferiment I - 6433

c) Fuq l-evalwazzjoni tad-dannu, l-imputazzjoni tiegħu u l-kalkolu tal-interessi . . . . . . . . . . I - 6433

V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet . . . . . . . . . . I - 6434


1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

VI — Analiżi tal-appell . . . . . . . . . . I - 6435

A — Pożizzjoni tal-problema . . . . . . . . . . I - 6435

B — Fuq l-aggravji li jirrigwardaw il-ksur suffiċjentement serju . . . . . . . . . . I - 6436

1. L-argumenti tal-partijiet . . . . . . . . . . I - 6436

2. L-ewwel aggravju: interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata . . . . . I - 6436

3. Fuq it-tieni aggravju . . . . . . . . . . I - 6439

C — Fuq l-aggravju dwar id-dannu kkawżat lil Schneider . . . . . . . . . . I - 6441

D — Fuq l-aggravji li jirrigwardaw ir-rabta kawżali . . . . . . . . . . I - 6442

1. Ineżistenza ta' rabta kawżali . . . . . . . . . . I - 6443

a) Fuq l-iżnaturament tal-fatti u tal-provi (l-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-appell) . . . . . . . . . . I - 6443

b) Fuq in-nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-invalidità tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà u t-tnaqqis tal-prezz tat-trasferiment ta' Legrand mogħti lil Wendel-KKR (it-tieni parti tat-tielet aggravju tal-appell) . . . I - 6444

i) Definizzjoni tal-pożizzjonijiet . . . . . . . . . . I - 6444

ii) Il-kunsiderazzjonijiet . . . . . . . . . . I - 6445

2. Fuq l-interruzzjoni tar-rabta kawżali (it-tielet u l-ħames aggravji tal-appell) I - 6449

a) Sunt tal-argumenti tal-partijiet . . . . . . . . . . I - 6449

b) Fuq l-ammissibbiltà ta' wħud mill-argumenti . . . . . . . . . . I - 6450

c) Fuq il-mertu . . . . . . . . . . I - 6450

3. Fuq l-aggravju bbażat fuq motivazzjoni kontradittorja . . . . . . . . . . I - 6453

E — Fuq is-seba' aggravju . . . . . . . . . . I - 6454

VII — Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-mertu tal-kawża . . . . . . . . . . I - 6454

VIII — Fuq l-ispejjeż dwar iż-żewġ istanzi tal-ġudizzju . . . . . . . . . . I - 6455

IX — Konklużjoni . . . . . . . . . . I - 6456

## I — Introduzzjoni

1. B'dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea qed tappella s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2007[2], li kienet laqgħet parzjalment rikors intiż biex tiġi ddikjarata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità għax ma ppermettietx konċentrazzjoni, liema intervent kien ġie annullat suċċessivament mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

2. Dak li jidher rilevanti f'din il-kawża, iktar mill-ammont kbir li qed jintalab — madwar EUR 1 700 miljun — hija l-influwenza eventwali tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-politika ekonomika tal-organu Komunitarju li jieħu ħsieb il-kompetizzjoni fl-Ewropa.

3. Billi hawnhekk qed jiġi diskuss il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva u tad-dannu kkawżat minn dan il-ksur ta' dritt fundamentali, għandhom jiġu osservati l-ikbar kawtela u ċirkuspezzjoni, minħabba r-riperkussjonijiet gravi li d-deċiżjoni li ser tingħata jista' jkollha kemm għall-impriżi kif ukoll l-istituzzjonijiet Komunitarji u forsi wkoll għal dawk nazzjonali.

2 — Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-351/03, Ġabra p. II-2237).

## II — Il-fatti tal-kawża fl-ewwel istanza

4. Il-fatti kumplessi li taw lok għal din it-tilwima suġġett tal-appell[3] huma miġburin fil-qosor fil-paragrafi li ġejjin.

### A — *Il-proċedura amministrattiva*

5. Iż-żewġ kumpanniji Franċiżi Schneider Electric SA (iktar 'il quddiem, "Schneider") u Legrand SA (iktar 'il quddiem, "Legrand") innotifikaw lill-Kummissjoni bi proġett ta' akkwist tal-kontroll tat-tieni impriża min-naħa tal-ewwel waħda permezz ta' offerta pubblika ta' skambju (iktar 'il quddiem, l-"OPS"), skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 4064/89 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament")[4]. Schneider tipproduċi u tbiegħ tagħmir u sistemi fis-setturi tad-distribuzzjoni tal-elettriku, filwaqt li Legrand tipproduċi u tbiegħ apparat tal-elettriku ta' tensjoni baxxa.

6. Minħabba d-dubji serji li dan il-proġett kien qed iqajjem fir-rigward tal-kumpatibbiltà

3 — Punti 16 sa 78.

4 — Regolament tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31), rettifika (ĠU 1990, L 257, p. 13) u emendat bir-Regolament (KE) tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997, Nru 1310 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 164)]. L-aħħar verżjoni, ir-Regolament (KE) tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2004, Nru 139 (ĠU L 24, p. 1), ma tapplikax għal din il-kawża.

mas-suq komuni, fit-30 ta' Marzu 2001 il-Kummissjoni fetħet il-proċedura II ta' kontroll, bis-saħħa tal-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament, u talbet informazzjoni mingħand Schneider u Legrand.

7. Fit-3 ta' Awwissu 2001, il-Kummissjoni bagħtet lil Schneider dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fejn ġie indikat li l-aġir ta' din tal-aħħar kien iwassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fuq ċertu numru ta' swieq settorjali nazzjonali.

8. Fir-risposta tagħhom tas-16 ta' Awwissu għal dawn l-oġġezzjonijiet, il-kumpanniji msemmijin ikkontestaw id-definizzjoni tas-swieq adottata mill-Kummissjoni, kif ukoll l-analiżi tagħha tal-impatt tal-operazzjoni fuq dawn is-swieq. Fid-29 ta' Awwissu 2001 saret laqgħa komuni bejn l-impriżi nnotifikati u s-servizzi tal-Kummissjoni fejn Schneider daħlet fl-impenn li tadotta miżuri korrettivi.

9. Fl-10 ta' Ottubru 2001, il-Kummissjoni adottat, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament, id-Deċiżjoni 2004/275/KE (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni ta' inkompatibbiltà") [5], billi ddikjarat l-operazzjoni proposta bħala inkompatibbli mas-suq komuni. Fil-premessi 782 u 783 ta' din id-deċiżjoni hemm indikat li l-għaqda kienet toħloq pożizzjoni dominanti u kienet tostakola b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fuq xi swieq nazzjonali billi tissaħħaħ, fuq kollox, pożizzjoni dominanti f'diversi swieq settorjali Franċiżi [6]. Il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li l-miżuri korrettivi proposti minn Schneider ma kinux jippermettu li jiġu solvuti problemi ta' kompetizzjoni identifikati fid-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà.

10. Billi Schneider, minħabba li kellha 98.1 % tal-kapital ta' Legrand kienet wettqet konċentrazzjoni li wara ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni, il-Kummissjoni adottat, fl-24 ta' Ottubru 2001, it-tieni dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet biex tifred liż-żewġ kumpanniji, fejn ordnat lil Schnieder, bis-saħħa tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament, teżegwixxi trasferiment tal-ishma tagħha f'Legrand bl-għan li ma tibqax f'pożizzjoni sinjifikattiva, biex jerġa' jkun hemm kompetizzjoni effettiva b'livell ta' ċertezza suffiċjenti u f'termini suffiċjentement qosra.

11. Il-Kummissjoni esprimiet ix-xewqa li minnufih tħalli f'idejn mandatarju espert u indipendenti l-amministrazzjoni tal-ishma ta' Schneider f'Legrand u, skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament, awtorizzat lil Schnieder, fl-4 ta' Diċembru 2001, teżerċita d-dritt tal-vot inerenti fl-ishma tagħha fil-kapital ta' Legrand permezz ta' mandatarju maħtur minn dik

5 — Każ COMP/M.2283 — Schneider-Legrand, fejn ġie ddikjarat li l-operazzjoni hija inkompatibbli mas-suq komuni (ĠU 2004, L 101, p. 1).

6 — Deskritti f'iktar dettall fil-punti 35 u 36 tas-sentenza appellata.

il-kumpannija bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'kuntratt appruvat mill-Kummissjoni.

12. Fit-30 ta' Jannar 2002 il-Kummissjoni adottat, bis-saħħa tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament, deċiżjoni (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni tas-separazzjoni") [7], fejn ordnat lil Schneider tiġi sseparata minn Legrand f'terminu ta' disa' xhur, li kien jiskadi fil-5 ta' Novembru 2002.

13. Din l-aħħar deċiżjoni kienet tipprojbixxi lil Schneider milli tagħmel separazzjoni differenti ta' attivitajiet partikolari ta' Legrand, kienet tissuġġetta għall-approvazzjoni preliminari tal-Kummissjoni x-xerrej jew xerrejja ta' Legrand u kienet tipprojbixxi kull trasferiment mill-ġdid ulterjuri lil Schneider ta' uħud mill-attivitajiet ta' Legrand.

B — *Il-proċedura kontenzjuża*

14. Qabel ma ġiet adottata din l-aħħar deċiżjoni, fit-13 ta' Diċembru 2001, Schneider għamlet rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (kawża T-310/01).

15. B'atti ppreżentati fit-18 ta' Marzu 2002, Schneider talbet ukoll l-annullament tad-deċiżjoni ta' separazzjoni (kawża T-77/02) kif ukoll is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha (kawża T-77/02 R).

16. Wara s-seduta tal-proċeduri għal miżuri provviżorji tat-23 ta' April 2002 fil-kawża T-77/02, il-Kummissjoni estendiet sal-5 ta' Frar 2003 t-terminu mogħti lil Schneider biex tissepara minn ma' Legrand, ħlief għat-twettiq tal-istadji tal-proċess ta' separazzjoni matul il-perijodu ta' proroga, li kien jiddetermina l-irtirar tat-talba ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni min-naħa ta' Schneider.

17. Schneider ippreparat it-trasferiment ta' Legrand, li kellu jseħħ fil-każ li r-rikorsi għal annullament tagħha kienu jiġu miċħudin u, fis-26 ta' Lulju 2002, ikkonkludiet għal dak l-iskop kuntratt ta' trasferiment mal-konsorzju Wendel-KKR, li kellu jidħol fis-seħħ mhux iktar tard mill-10 ta' Diċembru 2002. Dan il-ftehim kellu klawżola li kien jippermetti lil Schneider, f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà, li tħassar il-kuntratt sal-5 ta' Diċembru 2002, bi ħlas ta' kumpens għat-tħassir bħala korrispettiv (ta' EUR 180 miljun).

18. Bis-sentenza Schneider I [8], il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni ta' inkom-

7 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2002, C(2002) 360 def., li tordna separazzjoni ta' impriżi bis-saħħa tal-Artikolu 8 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89 tal-Kunsill (Każ COMP/M.2283 — Schneider vs Legrand).

8 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-310/01, Ġabra p. II-4071).

patibbiltà, minħabba l-preżenza ta' żbalji ta' analiżi u ta' evalwazzjoni tal-impatt tal-operazzjoni fis-swieq settorjali nazzjonali barra minn Franza, kif ukoll minħabba l-ksur tad-drittijiet ta' difiża. Bl-istess mod, is-sentenza Schneider II, li ngħatat fl-istess data tal-ewwel waħda [9], annullat id-deċiżjoni ta' separazzjoni billi kkunsidratha bħala miżura ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà. Dawn is-sentenzi saru *res iudicata* billi ma ġewx appellati mill-Kummissjoni. Biex ma nikkumplikawx iżjed l-espożizzjoni tal-fatti, ser nidħol fil-fond tal-kontenut taż-żewġ sentenzi fit-III taqsima ta' dawn il-konklużjonijiet, iddedikata lill-kuntest leġiżlattiv ta' din il-kawża [10].

19. Il-Kummissjoni ppubblikat avviż u ffissat il-ftuħ tat-termini tal-proċedura tal-eżami tal-operazzjoni [11] għat-23 ta' Ottubru 2002 skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament. Qalet ukoll li, wara analiżi preliminari fil-proċedura I u mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni finali, l-operazzjoni li għamlet Schneider setgħet tidħol fil-kuntest ta' applikazzjoni tar-Regolament u stiednet lil terzi interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet eventwali tagħhom.

20. B'dikjarazzjoni ġdida tal-oġġezzjonijiet tat-13 ta' Novembru 2002 il-Kummissjoni informat lil Schneider li l-aġir tagħha seta' jippreġudika l-kompetizzjoni fis-swieq settorjali Franċiżi, minħabba l-ishma konsiderevoli fis-suq ta' Schneider u ta' Legrand, l-għejbien tar-rivalità tradizzjonali, l-importanza tat-trade marks f'idejn l-entità Schneider-Legrand, il-poter tagħha fuq il-bejjiegħa bl-ingrossa u l-impossibbiltà għal kwalunkwe kompetitur li joħdilha postha minħabba l-pressjoni kompetittiva li Legrand eżerċitat qabel l-ewwel għaqda.

21. Fl-14 ta' Novembru 2002, Schneider ippreżentat lill-Kummissjoni miżuri korrettivi biex telimina s-sovrapożizzjoni ta' ċerti attivitajiet bejn il-kumpanniji li kienu ser iwettqu l-għaqda fis-swieq settorjali Franċiżi kkonċernati. Abbażi ta' dawn il-proposti sar skambju ta' opinjonijiet bil-korrispondenza fejn, minn naħa, il-Kummissjoni ċaħdet il-miżuri korrettivi proposti minn Schneider biex ittaffi l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni fi Franza billi kkunsidrathom insuffiċjenti, filwaqt li min-naħa l-oħra, Schneider esprimiet lill-Kummissjoni d-dubji tagħha dwar kemm kienu prattiċi u xierqa l-miżuri proposti minn dik l-istituzzjoni biex tiġi ggarantita ż-żamma ta' sitwazzjoni kompetittiva f'dak il-pajjiż.

22. B'ittra tat-2 ta' Diċembru 2002, Schneider indikat li, fl-istat avanzat li kienet waslet il-proċedura, l-aġir tal-Kummissjoni eskluda iktar diskussjonijiet fuq dan, u li, konsegwentement, biex tispiċċa l-inċertezza li damet iktar minn sena, informat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tbiegħ lil Legrand lil Wendel-KKR. Dik il-kumpannija kkonfermat din id-deċiżjoni l-jum ta' wara permezz ta' faks, u ppreċiżat li, skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' trasferiment iċċitat, il-bejgħ ta' Legrand lil Wendel-KKR kellu jseħħ fl-10 ta' Diċembru 2002, u din l-operazzjoni ġiet innotifikata minn Schneider lill-Kummissjoni fil-11 tal-istess xahar.

9 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-77/02, Ġabra p. II-4201).

10 — Punti 39 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 — Fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej tal-15 ta' Novembru 2002 (C-279 p. 22).

23. Għalkemm, għall-ewwel, il-Kummissjoni fl-4 ta Diċembru 2002 bdiet il-proċedura II tal-kontroll tal-operazzjoni, billi ddikjarat li s-soluzzjonijiet proposti minn Schneider ma kinux jeliminaw id-dubji fuq il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq komuni, fit-13 ta' Diċembru ta' wara l-istess istituzzjoni informat lil Schneider bl-għeluq, minħabba n-nuqqas tal-oġġett, tal-proċedura ta' eżami billi dik il-kumpannija ma kinitx iktar qed tikkontrolla lil Legrand.

24. Minn dan irriżulta l-eżitu negattiv tar-rikors għal annullament magħmul minn Schneider kontra d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura II u kontra d-deċiżjoni li kollox jiġi arkivjat tat-13 ta' Diċembru 2002 (kawża T-48/03) [12], u dan ġara wkoll fl-appell ta' dak id-digriet li ġie miċħud b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja [13].

25. Fil-punt 48 ta' dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni, billi għażlet li terġa' tibda l-proċedura I ta' kontroll tal-operazzjoni, kellha l-intenzjoni li tara x'inhuma l-konsegwenzi tas-sentenza Schneider I, u b'hekk ħadet il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi ggarantit li ma jkunx hemm ksur eventwali tad-drittijiet tad-difiża ta' Schneider.

## III — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt Komunitarju fuq il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet*

26. Skont il-verżjoni tar-Regolament applikabbli f'din it-tilwima, l-Artikolu 2(3) jistabbilixxi li għandhom jiġu ddikjarati inkompatibbli mas-suq komuni l-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni nnotifikati li jostakolaw b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva, bil-ħolqien jew bit-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali tiegħu.

27. Skont l-Artikolu 3(1)(b) tal-istess Regolament, ikun hemm konċentrazzjoni meta kumpannija takkwista direttament jew indirettament il-kontroll ta' impriża oħra permezz tal-akkwist ta' ishma fil-kapital jew ta' elementi tal-patrimonju.

28. L-Artikolu 6(1)(b) ta' din il-liġi jippreċiża li l-Kummissjoni tqis li huma kumpatibbli mas-suq komuni l-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni nnotifikati bis-saħħa tar-Regolament u li, għalkemm jaqgħu taħtu, ma jqajmux dubji gravi għal dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni.

12 — Digriet tal-31 ta' Jannar 2006, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-48/03, Ġabra p. II-111), li ddikjara bħala inammissibbli r-rikors ta' annullament T-48/03, għaliex id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura II u d-deċiżjoni ta' għeluq ikkontestati ma kinux jikkostitwixxu atti li jippreġudikaw lil Schneider.

13 — Digriet tad-9 ta' Marzu 2007, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (C-188/06 P).

29. F'każ kuntrarju, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tibda l-proċedura ċċitata ta' kontroll (l-hekk imsejħa deċiżjoni, "ftuħ tal-proċedura II"), skont l-Artikolu 6(1)(ċ).

30. L-Artikolu 10(1) jeżiġi li dawn id-deċiżjonijiet jiġu adottati fit-terminu ta' xahar li jibda jgħodd mill-jum ta' wara fid-data tan-notifika tal-konċentrazzjoni jew ta' meta tiġi rċevuta l-informazzjoni sħiħa.

31. L-Artikolu 8 jawtorizza lill-Kummissjoni, fil-paragrafi (2) u (3) li tiddeċiedi, fil-kuntest tal-proċedura II, fuq il-kumpatibbiltà ta' konċentrazzjoni, wara li l-impriżi interessati jkunu għamlu emendi għall-proġett ta' għaqda nnotifikat.

32. L-Artikolu 10(3), jistabbilixxi terminu massimu ta' erba' xhur li jibda jgħodd mid-data tal-bidu tal-proċedura II għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' inkompatibbiltà mas-suq komuni ta' konċentrazzjoni.

33. Bis-saħħa tal-Artikolu 8(4), jekk il-konċentrazzjoni saret diġà, il-Kummissjoni tista' tordna, f'deċiżjoni adottata skont il-paragrafu (3) jew f'deċiżjoni differenti, is-separazzjoni tal-impriżi jew kull miżura xierqa biex jerġa' jkun hemm kompetizzjoni effettiva.

34. L-Artikolu 10(6) jintroduċi r-regola tas-silenzju-kunsens tal-amministrazzjoni, li tgħid li huma kkunsidrati bħala kumpatibbli mas-suq komuni l-operazzjonijiet innotifikati li fil-konfront tagħhom il-Kummissjoni ma tkunx bdiet il-proċedura II fit-terminu massimu ta' xahar mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew mill-wasla tal-informazzjoni sħiħa jew jekk hija ma tkunx iddeċidiet fuq il-kompatibbiltà ta' operazzjoni fl-erba' xhur wara l-bidu tal-proċedura II.

35. Skont l-Artikolu 10(5) jekk il-qorti Komunitarja tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni, it-termini stabbiliti fir-Regolament japplikaw mill-ġdid mid-data meta tkun ingħatat is-sentenza.

36. Skont l-Artikolu 7(1) konċentrazzjoni m'għandhiex tidħol fis-seħħ qabel in-notifika tagħha jew fi żmien tliet ġimgħat wara n-notifika tagħha lill-Kummissjoni. Minkejja dan il-paragrafu (3) jippermetti eċċezzjoni billi l-ewwel paragrafu m'għandux ifixkel l-implementazzjoni ta' offerta pubblika ta' akkwist jew permuta li tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni, sakemm min jeħodha ma

jeżerċitax id-drittijiet tal-vot li jmorru mat-titoli inkwistjoni jew li dan jagħmlu biss biex jippreserva l-valur sħiħ ta' dawk l-investimenti u fuq il-bażi ta' deroga mogħtija mill-Kummissjoni.

37. L-Artikolu 18 tar-Regolament huwa ta' importanza fundamentali għall-kawża tal-lum li fil-paragrafu (1) tiegħu jiddisponi li, qabel ma jiġu adottati d-deċiżjonijiet previsti, fost l-oħrajn, mill-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni għandha tagħti lill-persuni, impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati l-opportunità f'kull stadju tal-proċedura sal-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv, li jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-oġġezzjonijiet kontrihom.

38. Fl-aħħar, dan l-Artikolu jispeċifika, fil-paragrafu (3), li l-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq l-oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, kif ukoll li d-drittijiet tad-difiża għandhom jiġu mħarsa matul l-iżvolġiment tal-proċeduri.

B — *Is-sentenzi preċedenti li għandhom effett fuq din il-kawża.*

39. Schneider fetħet kawża kontra l-Kummissjoni billi kkontestat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza d-deċiżjonijiet ta' inkompatibbiltà u ta' separazzjoni; jeħtieġ għalhekk li jinġabar fil-qosor il-kontenut tas-sentenzi li annullaw dawn id-deċiżjonijiet li saru *res iudicata.*

40. Is-sentenza Schneider I annullat id-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà billi minn naħa, kien fiha żbalji ta' evalwazzjoni tal-impatt tal-operazzjoni fuq is-swieq settorjali nazzjonali 'l barra minn Franza u, min-naħa l-oħra, li kienet tikser id-drittijiet tad-difiża, u li, għalhekk, l-analiżi tar-riperkussjonijiet tal-operazzjoni fuq dawk is-swieq u r-rimedji proposti mill-kumpannija kkonċernata kienet żbaljata.

41. Fl-appell ma jissemmewx l-iżbalji eventwali li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi ekonomika, u għalhekk wieħed jista' jeżamina biss il-ksur tad-drittijiet tad-difiża. F'dan ir-rigward, is-sentenza Schneider I ddikjarat li kienet il-Kummissjoni li kellha tidentifika r-riskji għall-kompetizzjoni inerenti fit-tranżazzjoni biex il-partijiet li qed jinnotifikaw ikunu jistgħu jippromwovu b'mod effiċjenti u tempestiv it-twettiq tat-trasferiment ta' ishma li setgħu jagħmlu l-operazzjoni kumpatibbli mas-suq komuni.

42. Is-sentenza żiedet tgħid li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001 ma ttrattatx b'biżżejjed preċiżjoni l-kwistjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' Schneider fir-rigward tad-distributuri Franċiżi ta' materjali tal-elettriku ta' tensjoni baxxa, li ġej mhux biss

mit-totalità tal-bejgħ ta' Legrand fi swieq ta' komponenti ta' panel boards tal-elettriku, imma wkoll minħabba d-dominanza ta' Legrand fuq tagħmir elettriku ultra terminali [14].

43. Is-sentenza indikat ukoll li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet telenka d-diversi swieq settorjali nazzjonali kkonċernati mill-operazzjoni, mingħajr ma kien hemm l-ebda appoġġjar tal-pożizzjonijiet tal-partijiet li qed jinnotifikaw [15]. Għalhekk il-Kummissjoni kienet ċaħdet lill-kumpannija Franċiża mill-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet u li tikkontesta l-argument li hija saħħet il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-settur tal-komponenti għad-distribuzzjoni u terminali minħabba l-pożizzjoni ta' dominanza ta' Legrand fis-settur tat-tagħmir ultra terminali.

44. Billi ma kienx possibbli li jiġu vvalutati fid-daqs kollu tagħhom il-problemi ta' kompetizzjoni identifikati mill-Kummissjoni fis-suq Franċiż tad-distribuzzjoni ta' materjal elettriku ta' tensjoni baxxa, id-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà kienet kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Schnieder. B'mod partikolari, dik il-kumpannija kienet ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tipproponi trasferiment ta' assi ta' daqs konsiderevoli jew miżuri oħrajn korrettivi kapaċi li jipprekludu problemi ta' kompetizzjoni identifikati. Imbagħad hija ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tikseb awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, li hija irregolarità pjuttost gravi, għall-fatt li r-rimedji kienu l-uniku mod biex tiġi salvata konċentrazzjoni li taqa' fil-kuntest ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament [16].

45. Barra minn hekk, bis-sentenza Schneider II, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat anki d-deċiżjoni ta' separazzjoni, minħabba l-konnessjoni intrinsika tagħha mad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà.

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

### A — *Il-proċedura fil-kawża T-351/03*

46. Fl-10 ta' Ottubru 2003, Schneider għamlet rikors għal kumpens għal danni bis-saħħa tal-Artikolu 235 KE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE.

47. Bl-appoġġ tar-Repubblika Franċiża, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza,

14 — Ilment dwar l-appoġġjar tal-pożizzjonijiet.
15 — Punti 444 u 445 tas-sentenza Schneider I.
16 — Punti 453 sa 461 tas-sentenza Schneider I.

fl-ewwel lok, biex il-Komunità tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' EUR 1 663 734 716,76, ħlief għat-tnaqqis sal-ammont tal-ispejjeż irkuprabbli stabbilit mid-digrieti ta' likwidazzjoni tal-ispejjeż [17], u ħlief għal żieda minħabba, minn naħa, interessi li mmaturaw mill-4 ta' Diċembru 2002 sakemm isir il-ħlas kollu, bir-rata annwali ta' 4 % u, min-naħa l-oħra, mill-ammont tat-taxxa li Schneider kellha tħallas fil-mument ta' meta jiġi rċevut, fuq l-ammont ta' kumpens.

48. Ir-rikorrenti bbażat l-argumenti tagħha [18] fuq żewġ fatti illegali kkonstatati fis-sentenza Schneider I fid-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà, jiġifieri, minn naħa, fuq żbalji fl-analiżi li għamlet il-Kummissjoni dwar l-impatt tal-operazzjoni fis-swieq settorjali nazzjonali 'l barra minn Franza u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' preċiżjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet dwar l-oġġezzjoni fuq l-appoġġjar.

49. Bħala konsegwenza diretta ta' dawn l-illegalitajiet, ir-rikorrenti semmiet id-dannu kkawżat minħabba t-tnaqqis fil-valur tal-assi patrimonjali tagħha, l-ewwel nett billi għamlet telf fil-kontabbiltà fl-elementi tal-patrimonju ta' Legrand u, fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' qligħ dovut għall-impossibbiltà li jitwettqu sinerġiji mistennijin mill-operazzjoni bid-distruzzjoni konsegwenti tal-istrateġija industrijali tal-grupp u, fit-tielet lok, fil-preġudizzju għar-reputazzjoni tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti saħqet ukoll li l-aġir ostili tal-Kummissjoni kkontribwixxa biex jiġi aggravat id-dannu.

50. Flimkien ma' dawk id-danni, Schneider żiedet ukoll l-ispejjeż marbutin mal-mandatarju li intervjena fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva ta' separazzjoni, dawk li jirrigwardaw l-eżami mill-ġdid tal-operazzjoni li sar l-għada li ngħataw is-sentenzi Schneider I u Schneider II, kif ukoll l-ispejjeż imġarrba taħt il-kawżi T-310/01, T-77/02 u T-77/02 R, netti mill-ispejjeż irkuprabbli minn Schneider bis-saħħa tad-digrieti ta' likwidazzjoni ċċitati.

51. Subordinatament, ir-rikorrenti talbet dikjarazzjoni li r-rikors kien ammissibbli u li tiġi kkonstatata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità. Biex tiġi ddeterminata din tal-aħħar, ir-rikorrenti talbet li tiġi segwita proċedura *ad hoc* biex jiġi kkalkulat l-ammont tad-dannu li hija batiet u li għandu jiġi kkumpensat, u li l-Kummissjoni għandha tħallas l-ispejjeż tal-ġudizzju.

52. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, talbet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiddikjara r-rikors parzjalment inammissibbli u totalment infondat u, konsegwentement, tikkundanna lil Schneider tbati l-ispejjeż.

17 — Digrieti tal-20 ta' Ottubru 2004, T-310/01 DEP u T-77/02 DEP, liema deċiżjonijiet għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra.

18 — Punti 100 sa 106 tas-sentenza appellata.

53. Fil-11 ta' Diċembru 2003, il-Qorti tal-Prim'Istanza (ir-Raba' Sezzjoni) adottat miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, u llimitat id-dibattitu għall-bidu ta' kif qamet ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità u għall-metodoloġija ta' evalwazzjoni tad-dannu.

B — *Kontenut essenzjali tas-sentenza kkontestata (kawża T-351/03)*

1. Fuq il-ksur suffiċjentement serju

54. Is-sentenza Schneider I annullat id-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà minħabba l-fatt li kienet kisret id-drittijiet tad-difiża tal-kumpannija Franċiża, u kkonċentrat l-argumenti tagħha fuq is-soluzzjoni tal-problema jekk kienx ksur suffiċjentement serju ta' regola legali li tagħti drittijiet lil individwi, bl-applikazzjoni ta' kriterju deċiżiv f'dan ir-rigward, kif stabbilit fil-ġurisprudenza, fuq il-ksur gravi u manifest min-naħa ta' istituzzjoni Komunitarja, tal-limiti li hemm fuq il-poter diskrezzjonali tagħha [19].

55. Qabel ma jiġu eżaminati l-elementi ta' aggravament tad-dannu li ġej mill-aġir tal-Kummissjoni matul il-proċedura ta' kontroll tal-operazzjoni, is-sentenza riedet tivverifika jekk l-illegalitajiet tad-deċiżjoni ċċitata kinux jirriflettu l-kunċett ta' ksur suffiċjentement serju.

56. Immaterjalment min-nuqqasijiet tal-analiżi dwar l-impatt ekonomiku tal-operazzjoni bħala sors tar-responsabbiltà Komunitarja [20], bħala elementi mhux ta' influwenza għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà mas-suq komuni [21], il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-uniku żball tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà li, skont is-sentenza Schneider I, setgħet ċaħdet lir-rikorrenti mill-possibbiltà li tikseb deċiżjoni favorevoli għall-konċentrazzjoni, jiġifieri, in-nuqqas ta' qbil ikkonstatat bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001 u d-deċiżjoni tal-inkompatibbiltà stess fir-rigward tal-oġġezzjoni dwar l-appoġġjar tal-pożizzjonijiet tal-partijiet.

57. Fil-fehma tal-Qorti tal-Prim'Istanza, t-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet tikkostitwixxi ksur gravi u manifest tal-Artikolu 18(1) u (3) tar-Regolament, billi, kif jirriżulta mis-sentenza Schneider I, ir-rikorrenti ma setgħetx tkun taf li, fin-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' miżuri korrettivi xierqa biex jitnaqqsu jew jieqfu s-sitwazzjonijiet ta'

19 — Sentenza tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni (C-282/05 P, Ġabra p. I-2941, punt 47, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

20 — Soluzzjoni kkritikata minn A. Dawes/K. Peci, "'Sorry but there's nothing we can do to help': Schneider II and extra-contractual liability of the European Commission in merger cases", f'*European Competition Law Review,* 2008, 29(3), paġni 151 sa 161.

21 — Punti 129 sa 138 tas-sentenza appellata.

appoġġjar bejn il-pożizzjonijiet tagħha u dawk ta' Legrand fi swieq settorjali Franċiżi, hija kienet tilfet kull opportunità li tikseb dikjarazzjoni li l-operazzjoni kienet kompatibbli massuq komuni.

58. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet kemm il-ġustifikazzjoni kif ukoll l-ispjegazzjonijiet ibbażati fuq l-irbit partikolari fuq is-servizzi tal-Kummissjoni, li wera biċ-ċar id-diffikultà inerenti fit-twettiq ta' analiżi kumplessa tas-suq sottopost għal rabta fiż-żmien riġida ħafna; skont il-qorti Komunitarja tal-ewwel istanza, dan l-argument kien irrilevanti, billi l-fatt li ġġenera d-dannu ma kienx l-analiżi tas-swieq rilevanti li kien hemm fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew fid-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà, imma n-nuqqas, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ta' referenza essenzjali għall-konsegwenzi li kien ikollha u għall-parti dispożittiva tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà.

59. Din ir-referenza ma kellha l-ebda diffikultà teknika partikolari, billi ma kien meħtieġ l-ebda eżami speċifiku supplimentari li ma setax isir għal raġunijiet ta' żmien, u li n-nuqqas tiegħu ma jistax jiġi attribwit għal problema fortuwita jew aċċidentali ta' tħejjija li qari kumplessiv tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kien jippermetti li jiġi kkumpensat.

60. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li l-ksur tad-drittijiet ta' difiża ta' Schneider kien jippreżupponi ksur gravi u manifest minnaħa tal-Kummissjoni tal-limiti li hija għandha u kien hemm ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt intiża biex tagħti drittijiet lill-individwi.

2. Fuq ir-rabta kawżali

61. L-ewwel nett, jeħtieġ li wieħed ifakkar li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet adottat miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li kienet tillimita l-argumentazzjoni fuq il-prinċipju tal-ħolqien tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità u għall-metodoloġija ta' evalwazzjoni tad-dannu [22].

62. Schneider ilmentat dwar it-telf tal-valur tal-assi fil-perijodu inkluż bejn id-data tat-tħabbir tal-OPS fuq it-titoli ta' Legrand, f'Jannar 2001, u d-data tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment, f'Diċembru 2002, kif imsemmi diġà iktar 'il fuq.

63. L-interpretazzoni li tat il-Qorti tal-Prim'Istanza fuq ir-rabta kawżali kienet ibbażata fuq il-paragun bejn is-sitwazzjoni maħluqa, għat-terz ikkonċernat, mill-azzjoni illegali u s-sitwazzjoni li kienet tinħoloq għal dan tal-aħħar wara aġir tal-istituzzjoni li kien jirris-

22 — Punt 81 tas-sentenza appellata.

petta r-regola tad-dritt [23]. Għalhekk il-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet li l-iżball li invalida d-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà kien ċaħħad lil Schneider mid-dritt li tikseb deċiżjoni ta' kompatibbiltà tal-operazzjoni, impliċita jew espliċita, b'mod li tiġġustifika li l-Kummissjoni tkun responsabbli għall-impatt finanzjarju ta' dik iċ-ċaħda u, b'mod partikolari, taddannu li ġej mill-obbligu li tbiegħ l-assi ta' Legrand.

64. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li huwa diffiċli li jiġu ddeterminati n-natura u l-ammont tal-bejgħ li kien ikun meħtieġ biex l-operazzjoni ssir kompatibbli mas-suq komuni u jinkiseb il-kunsens tal-Kummissjoni fit-twettiq tagħha. Imma kien anki iktar diffiċli li jiġi kkalkulat l-impatt li kien ikollhom fuq il-valur totali tal-assi li kellha l-impriża rikorrenti t-trasferimenti u l-operazzjonijiet li dawk il-miżuri korrettivi kienu jfissru.

65. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-evalwazzjoni tal-emendi tal-parametri ekonomiċi li kienu jakkumpanjaw deċiżjoni eventwali ta' kompatibbiltà kienet tkun inċerta wisq biex tippermetti paragun utli mal-effetti tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà.

66. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ukoll l-argument ta' Schneider li d-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà illegali kienet għamlithielha impossibbli li twettaq is-sinerġiji mistennija mill-operazzjoni u kienet għaldaqstant xejnet l-istrateġija industrijali u għamlet dannu għall-immaġni tagħha minħabba l-impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tagħha [24].

67. Għall-kuntrarju, is-sentenza kkontestata kkonfermat l-eżistenza ta' rabta kawżali qrib biżżejjed, għall-finijiet tar-rikonoxximent ta' dritt ta' kumpens, bejn l-illegalità kommessa u żewġ tipi ta' dannu li sofriet ir-rikorrenti: l-ewwel wieħed, li jikkorrispondi mal-ispejjeż li għamet ir-rikorrenti biex tipparteċipa fit-tkomplija tal-proċedura ta' kontroll tal-operazzjoni wara l-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet; u t-tieni, ikkostitwit mit-tnaqqis tal-prezz tat-trasferiment li Schneider kellha tikkonċedi lix-xerrej tal-assi ta' Legrand biex tikseb posponiment tal-eżekuzzjoni ta' dak it-trasferiment għal data xierqa biex il-proċeduri ġudizzjarji li kienu għaddejjin fil-qorti Komunitarja ma jiġux preklużi mill-iskop tagħhom qabel jiġu deċiżi.

23 — Punti 263 u 264 tas-sentenza kkontestata.

24 — Punti 260 sa 287 tas-sentenza appellata.

3. Id-delimitazzjoni tad-danni mġarrba mir-rikorrenti

a) Onorarji, spejjeż amministrattivi u spejjeż ġudizzjarji sostnuti minn Schneider

68. Fir-rigward tal-ispejjeż li jirrigwardaw it-tkomplija tal-proċedura ta' kontroll, il-Qorti tal-Prim'Istanza identifikat tliet kategoriji distinti: l-onorarji tal-mandatarju *ad hoc*; l-ispejjeż għall-konsulenza legali, fiskali u bankarja għall-finijiet tat-twettiq tas-separazzjoni tal-impriżi, kif ukoll l-ispejjeż magħmulin għal proċeduri ġudizzjarji fil-livell nazzjonali u Komunitarju; u l-ispejjeż għall-konsulenzi u onorarji u l-ispejjeż amministrattivi ta' natura differenti sostnuti minn Schnieder wara s-sentenzi Schneider I u Schneider II.

69. Għalkemm ċaħdet il-kumpens għall-ewwel żewġ kategoriji ta' spejjeż imsemmijin iktar 'il fuq [25], il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet li l-ispejjeż indikati f'din l-aħħar kategorija ("spejjeż diversi") kienu ġejjin mill-aġir illegali tal-Kummissjoni. Biex issostni l-konklużjonijiet tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet l-argumenti li ser niġbor fil-qosor iktar 'il quddiem [26].

70. Billi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001, il-Kummissjoni naqset milli tifformula l-problema tal-kompetizzjoni li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà, Schnieder kienet ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tesprimi ruħha fuq dan u toffri kontromiżuri xierqa u din iċ-ċirkustanza mmotivat l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni. It-tkomplija tal-proċedura kkorreġiet dan l-iżball u ppermettiet lil din l-impriża sabiex tinstema' fil-mertu tal-ilment ikkontestat u tippreżenta, jekk ikun il-każ, proposti ta' miżuri intiżi biex jikkorreġu l-effetti ta' preġudizzju tal-operazzjoni.

71. Għalhekk, l-ispiża tar-rikorrenti għall-parteċipazzjoni tagħha fil-proċediment amministrattiv ta' kontroll li kompla wara s-sentenzi Schneider I u Schneider II ma kinitx issir kieku l-Kummissjoni aġixxiet mill-bidu b'mod li kien jirrispetta d-drittijiet tad-difiża. Għalkemm ġie ammess li kieku kellha tiddeċiedi fuq l-kwistjoni tal-appoġġjar, li ma kinitx imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, Schnieder kien ikollha tbati l-ispejjeż għall-preparazzjoni tar-risposti rilevanti u tal-miżuri korrettivi eventwali, il-Qorti tal-Prim'Istanza madankollu rrikonoxxiet li t-tkomplija, fuq bażi legali ġdida, ta' proċediment amministrattiv li ġie interrott għal tnax-il xahar, kien jirrappreżenta bilfors, għall-interlokutur tal-Kummissjoni, piż ferm ikbar minn

25 — Fil-punti 289 sa 292 tas-sentenza appellata. Fl-ewwel każ, billi l-ispejjeż imsemmija jiġu direttament mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(4) tar-regolament u, fit-tieni każ, billi wieħed ma setax jippreżumi li Schneider ma setgħetx iġġorr dawk l-ispejjeż kieku ġiet adottata deċiżjoni legali (spejjeż ta' separazzjoni), kif ukoll għaliex kienu diġà ġew inklużi fl-ispejjeż (spejjeż tas-sentenzi Komunitarji), kif ukoll għaliex kienu marbutin mal-imputazzjoni li ma kinitx ġiet rikonoxxuta bħala sors tar-responsabbiltà tal-Komunità (piżijiet finanzjarji dwar proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali).

26 — Punti 298 sa 302 tas-sentenza appellata.

dak li kienet tirrappreżenta risposta għall-istess oġġezzjoni, matul il-proċediment inizjali ta' kontroll, min-naħa tal-impriża u tal-konsulenti tagħha li kienu diġà involuti għal kollox f'laqgħat u konsultazzjonijiet mas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

b) Fuq it-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment ta' Legrand lil Wendel-KKR biex seta' jkun hemm posponiment tad-data ta' eżekuzzjoni tat-trasferiment [27]

72. Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, Schneider kienet innegozjat u ffirmat kuntratt ta' trasferiment ta' Legrand lil Wendel-KKR u kienet estendiet l-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt sal-10 ta' Diċembru 2002, fl-istennija li jinqatgħu l-kawżi li kienu għadhom pendenti T-310/01 u T-77/02.

73. Li kieku ma aġixxietx b'dak il-mod, fil-każ ta' sentenza ta' ċaħda, Schneider kienet tkun fir-riskju li tagħlaq, fi żmien qasir, in-negozjati f'kundizzjonijiet ta' żvantaġġ għall-interessi tagħha minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' separazzjoni ffissat għall-5 ta' Frar 2003 u tal-inċertezza fuq il-bejgħ min-naħa tal-Kummissjoni ta' posponiment ieħor ta' dak it-terminu.

27 — Punti 303 sa 317 tas-sentenza appellata.

74. Meta jiġu kkunsidrati ż-żewġ ċirkustanzi, id-dewmien fil-bejgħ ta' Legrand dovut għax-xewqa leġittima, min-naħa ta' Schneider, ta' deċiżjoni li tiddikjara f'forma legalment korretta l-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq komuni, dan kollu kien iwassal neċessarjament lill-kumpannija Franċiża li tikkonċedi lil konsorzju Wendel-KKR tnaqqis fil-prezz ta' trasferiment ta' Legrand mqabbel mal-prezz li hija kienet tikseb f'ċirkustanzi normali. Il-posponiment sal-10 ta' Diċembru 2002 tal-bejgħ tal-assi ta' Legrand kien ifisser li jingħata lill-konsorzju Wendel-KKR kumpens għar-riskju ta' deprezzament tal-assi ta' Legrand li Wendel-KKR setgħet tkun esposta għalih, meta aċċettat dak il-posponiment, anki minħabba biss l-eventwalità ta' varjazzjoni żvantaġġuża tal-andament tat-titoli industrijali matul il-perijodu kkunsidrat.

75. Minn dawn iċ-ċirkustanzi kollha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li l-ksur tad-drittijiet tad-difiża li jħassru d-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà kienet marbuta direttament ma' dan il-posponiment, peress li dan kien indispensabbli biex Schneider tkun tista' teżerċita sewwa d-dritt tagħha li tikseb deċiżjoni legali dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' operazzjoni nnotifikata u biex tkun tista' tinstema' f'proċedura li toffrilha l-garanziji meħtieġa.

c) Fuq l-evalwazzjoni tad-dannu, l-imputazzjoni tiegħu u l-kalkolu tal-interessi

76. Minħabba l-ispejjeż ikkawżati lil Schneider fil-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura

amministrattiva ta' kontroll tal-operazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkalkulat l-ammont tal-indennizz billi naqset mill-kumpless tal-ispejjeż sostnuti minn Schneider fil-kawżi T-310/01, T-77/02 u T-77/02 R l-ispejjeż amministrattivi li l-istess kumpannija kienet neċessarjament tagħmel biex twettaq is-separazzjoni tal-assi u, fl-aħħar l-ispejjeż li Schneider kien ikollha tagħmel minħabba l-miżuri korrettivi tal-appoġġjar.

77. Il-preġudizzju kkostitwit mit-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment ta' Legrand lil Wendel-KKR, minħabba l-posponiment, sal-10 ta' Diċembru 2002, tat-twettiq tal-bejgħ lil Legrand, huwa stmat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fid-differenza li teżisti bejn il-prezz ta' trasferiment miftiehem bejn il-partijiet tal-kuntratt u dak li Schneider setgħet tikseb mix-xerrej, fl-aħħar tal-ewwel proċediment ta' kontroll tal-operazzjoni, jiġifieri fl-10 ta' Ottubru 2001, kieku kisbet deċiżjoni legali fuq il-kompatibbiltà tal-operazzjoni.

78. Biex jiġu kkwantifikati b'mod eżatt is-somom dovuti mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddiferiet għall-futur għal proċedura *ad hoc*, fejn il-partijiet kienu jiddeterminaw l-ammont kumplessiv tal-kumpens [28].

79. Billi Schneider kienet diġà xtrat it-titoli ta' Legrand permezz ta' OPS billi użat deroga mogħtija mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbiliet li dik il-kumpannija kienet ħadet ir-riskju li jkollha deċiżjoni ta' inkompatibbiltà bl-impożizzjoni konsegwenti tal-obbligu li tissepara l-ishma tal-impriżi magħquda. Billi Schneider kienet taf li l-għaqda taż-żewġ kumpanniji kienet toħloq jew issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha f'sehem sostanzjali tas-suq komuni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet ukoll [29] li l-istess kumpannija kienet ikkontribwiet biex jiġrilha d-dannu [30], fl-ammont ta' terz tad-dannu li sofriet minħabba t-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment miftiehem ma' Wendel-KKR.

80. Fl-aħħar, il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet l-interessi tal-mora [31] sa ma jsir il-ħlas sħiħ, li għandu jgħaddi mid-data tal-għoti tas-sentenza li fiha l-likwidazzjoni tad-dannu.

## V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

81. L-appell wasal fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Settembru 2007 [32]; il-Kummissjoni għandha seba' aggravji u qed titlob

28 — Punti 318 sa 325.

29 — Filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza tas-7 ta' Novembru 1985, Adams vs Il-Kummissjoni (145/83, Ġabra p. 3539, punt 54).

30 — Punti 326 sa 335.

31 — Billi jittieħdu bħala bażi għall-kalkolu tar-rata ta' interessi li għandha tiġi applikata r-rati ffissati mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament, miżjudin b'żewġ punti, sakemm ma jaqbżux dak tal-4 % (punti 336 sa 346 tas-sentenza appellata).

32 — Faks tal-21 ta' Settembru.

lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawża T-351/03 u li l-kumpannija Schneider tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż kollha [33].

82. Fir-risposta, li waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Diċembru 2007 [34], Schneider titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-appell kollu kemm huwa u tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

83. Il-president tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza l-preżentazzjoni ta' replika u kontroreplika, li ġew ippreżentati fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament fit-12 ta' Marzu [35] u t-8 ta' Mejju [36] tal-2008, li fihom iż-żewġ partijiet ikkonfermaw it-talbiet tagħhom.

84. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-kawża ġiet assenjata lill-Awla Manja, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 44(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

85. Fis-seduta li saret fit-3 ta' Diċembru 2008 intervenew ir-rappreżentanti ta' Schneider u tal-Kummissjoni biex issir it-trattazzjoni orali u biex tingħata risposta għad-domandi li sarulhom mill-membri tal-Awla.

## VI — Analiżi tal-appell

### A — *Pożizzjoni tal-problema*

86. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tibbaża fuq seba' aggravji, uħud minnhom maqsumin f'diversi partijiet. Għalkemm l-iżbalji imputati mir-rikorrenti għas-sentenza appellata huma tip ta' żbalji komuni eżaminati f'dan il-ġeneru ta' proċeduri, bħażżball ta' liġi, żnaturament tal-fatti jew in-nuqqas ta' motivazzjoni, jistgħu jinġabru flimkien faċilment fi tliet kategoriji, li jirreferu għad-definizzjoni tal-ksur bħala "suffiċjentement serju" għad-dannu kkawżat u għar-rabta kawżali bejn dawn iż-żewġ elementi.

87. Għalhekk jidhirli li huwa xieraq li niġbor fi gruppi dawn l-aggravji skont il-kategorija li jaqgħu taħtha u nsegwi l-ordni ta' analiżi

33 — Għalkemm il-formulazzjoni tal-konklużjonijiet fir-rikors ftit hija ċara, fil-verità r-rikorrenti talludi għall-ispejjeż taż-żewġ gradi ta' ġudizzju.
34 — Faks tal-21 ta' Diċembru.
35 — Faks tal-10 ta' Marzu.
36 — Faks tas-6 ta' Mejju.

l-iktar loġika[37], billi nibda minn eżami tal-intensità tal-ksur, li l-eżistenza tiegħu mhux qed tiġi ddubitata billi diġà ġie aċċertat bis-sentenza Schneider I, biex imbagħad ngħaddi għall-eżami tad-dannu, li għadu kif ġie diskuss f'dan l-appell, biex fl-aħħar nispiċċa bil-konnessjoni bejn l-ewwel żewġ aspetti. L-analiżi tiegħi għalhekk tinkludi l-aggravji kollha li ressqet il-Kummissjoni, kif inhu l-kompitu tiegħi li nagħmel bħala Avukat Ġenerali.

B — *Fuq l-aggravji li jirrigwardaw il-ksur suffiċjentement serju*

1. L-argumenti tal-partijiet

88. Il-Kummissjoni tgħid li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju tal-awtorità tar-*res iudicata* u tal-obbligu ta' motivazzjoni, kif ukoll li kkommettiet żbalji ta' evalwazzjoni u żnaturament tal-fatti, meta ddikjarat, minn naħa li, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001, il-Kummissjoni kienet "naqset" milli ssemmi l-oġġezzjoni dwar l-appoġġjar tal-pożizzjonijiet ta' Schneider u Legrand u, min-naħa l-oħra, li n-nuqqas ta' referenza għal din l-oġġezzjoni "ma fiha ebda diffikultà teknika partikolari" [38].

89. Bit-tieni aggravju ta' dan il-kap, il-Kummissjoni tgħid li s-sentenza appellata fiha xi żbalji tad-dritt fid-deskrizzjoni tal-kuntest fattwali, għar-raġuni li ma qisitx il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet irregolati[39], minbarra li kien hemm żball ta' motivazzjoni, billi ċaħdet b'mod żbrigattiv l-argumenti li riedu juru l-pressjoni taż-żmien u d-diffikultajiet tekniċi li akkumpanjaw it-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kif il-Kummissjoni kienet invokat fid-difiża tagħha.

90. Fl-ewwel lok, Schneider tikkunsidra bħala inammissibbli l-argument tal-Kummissjoni fir-rigward taż-żewġ aggravji, u sussidjarjament, ma japplikax u infondat, għaliex jimmira biex jikseb rieżami tal-fatti bl-awtorità tar-*res iudicata*, abbażi ta' osservazzjonijiet li ma sarux fl-ewwel istanza, mingħajr ma jiġi spjegat b'mod adegwat f'hiex jikkonsistu d-diffikultajiet tekniċi ċċitati.

2. L-ewwel aggravju: interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata

91. Ħlief għal kawżi eventwali ta' inammissibbiltà, l-ewwel aggravju, li ż-żewġ partijiet tiegħu ser neżaminawhom flimkien, għandu jiġi miċħud, billi jistrieħ fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

37 — Intqal li ma kienx indispensabbli li wieħed joqgħod fuq dan il-metodu u li kien possibbli li tinbidel l-ordni tal-analiżi tat-tliet komponenti tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali; ara M. Ruffert, "EG-Vertrag — Art. 288", fi Callies, Chr./M. Ruffert (editur), Kommentar des Vertrages über die Europäische Union und des Vertrages zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft, it-Tieni Edizzjoni, Ed. Luchterhand, Neuwied, 2002, p. 2414. Madankollu, anki jekk din l-interpretazzjoni taġevola l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma naħsibx li neċessarjament tidħol fix-xogħol tal-Avukat Ġenerali, li huwa obbligat jitkellem fuq il-punti kollha fid-diskussjoni.

38 — Punt 155 tas-sentenza appellata.

39 — Sentenza Holcim, iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 50, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

92. Bl-ewwel parti tal-aggravju, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal fatt li ddikjarat, fil-punt 155 tas-sentenza appellata, li l-element li ħoloq id-dannu lil Schneider kien l-"ommissjoni", fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ta' kwalunkwe referenza għall-oġġezzjoni dwar l-appoġġjar, fejn fil-punt 445 tas-sentenza Schneider I ġie indikat li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma ttrattatx "b'ċarezza suffiċjenti u bi preċiżjoni" il-kwistjoni tal-appoġġjar.

93. Meta jitqabblu dawn iż-żewġ sentenzi r-rikorrenti fl-appell tiddeduċi tliet elementi ta' kontradizzjoni li jiġġustifikaw it-talba tagħha li tannulla s-sentenza appellata.

94. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tosserva li l-punt 445 imsemmi tas-sentenza Schneider I jassumi tal-anqas formulazzjoni *impliċita* tal-appoġġjar. Minn dan hija tiddeduċi li, fit-tieni lok, dik is-sentenza kkritikat lill-Kummissjoni għaliex ma semmietx *espliċitament* dik il-konsegwenza ekonomika negattiva, għalkemm l-imputazzjoni fil-konfront ta' Schneider ta' dik l-oġġezzjoni tista' tinftiehem mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-kumpless tagħha. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tilmenta dwar il-konsegwenzi ta' dawn id-differenzi evidenti bejn iż-żewġ deċiżjonijiet billi, filwaqt li s-sentenza Schneider I iddikjarat biss li l-iżball li għamlet il-Kummissjoni kien ipprekluda lill-kumpannija kkonċernata milli tivvaluta fil-firxa kollha tagħhom il-problemi ta' kompetizzjoni identifikati fis-suq Franċiż [40], is-sentenza appellata tikkonkludi li, minħabba din l-ommissjoni, Schneider ma setgħetx tkun taf li, fin-nuqqas tal-preżentazzjoni ta' miżuri korrettivi xierqa biex jeliminaw dawk il-problemi, ma setgħetx tikseb dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà [41].

95. Il-Kummissjoni tassimila dawk id-differenzi ma' evalwazzjoni ġdida li kkawżat ksur tad-dritt tad-difiża tagħha billi l-opinjoni tagħha fuq l-evalwazzjoni ġdida ma ġietx eżaminata u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tal-awtorità tar-*res iudicata* fir-rigward tal-fatti pruvati fis-sentenza Schneider I, u tat lok għal żball ta' klassifikazzjoni tagħhom u għal żnaturament tal-provi.

96. Fit-tieni parti tal-aggravju, il-Kummissjoni żżid ma' din l-oġġezzjoni tas-sentenza kkontestata lment dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni. Hija tilmenta li s-sentenza ċaħdet l-argument tagħha dwar in-natura skużabbli tan-nuqqas ta' referenza għall-appoġġjar fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet minħabba limitazzjoni ta' żmien riġida ħafna li jkun hemm fi proċedura dwar il-konċentrazzjoni ta' impriżi, kif ukoll minħabba l-kumplessitajiet inerenti fit-tħejjija tad-dokument. Għal kuntrarju, is-sentenza appellata tindika li r-referenza għall-oġġezzjoni kkontestata ma kien fiha l-ebda diffikultà teknika partikolari, billi ma kien meħtieġ l-ebda eżami speċifiku supplimentari li ma setax twettaq għal raġunijiet ta' żmien, u li n-nuqqas tagħha ma setax jiġi attribwit għal problema fortuwita jew aċċidentali [42].

40 — Punt 453 tas-sentenza Schneider I.

41 — Punt 152 tas-sentenza appellata.

42 — Punt 155 tas-sentenza appellata.

97. Minbarra l-fatt li, kif irrilevat ġustament il-kumpannija Franċiża fir-risposta u fil-kontroreplika, l-ebda kawża invokata ma ġiet argumentata b'mod adegwat, bħal, pereżempju, l-iżnaturament tal-elementi ta' prova, huwa biżżejjed biex juri li l-ewwel aggravju kollu tar-rikors huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza. Il-Kummissjoni tagħmel eżerċizzju semantiku biex turi li l-intensità tas-sinjifikat tal-kliem użat fiż-żewġ sentenzi jirrifletti r-rieda tal-Qorti tal-Prim'Istanza li taggrava l-konsegwenzi ġejjin mill-fatti aċċertati fis-sentenza Schneider I.

98. Barra minn dan, l-argumenti tal-Kummissjoni ma japplikawx għaliex id-differenzi grammatikali bejn is-sentenza Schneider I u s-sentenza appellata ma jħassrux il-konklużjoni li t-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx tippermetti lill-kumpannija kkonċernata li tifhem b'mod ċar li kienet qed tiġi akkużata b'appoġġjar ta' pożizzjonijiet dominanti invista tal-għaqda tagħha ma' Legrand; u dan in-nuqqas jeżisti indipendentement miċ-ċirkustanza li dik l-oġġezzjoni kienet tħalliet barra jew ma kinitx ġiet indikata bil-preċiżjoni dovuta, billi, peress li ma tgawdi prattikament mill-ebda marġni ta' diskrezzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament — kif tirrikonoxxi l-istess Kummissjoni — is-sempliċi ksur tiegħu jikkostitwixxi fih innifsu ksur suffiċjentement serju [43].

99. Bl-istess mod għandha tiġi miċħuda t-tieni parti tal-ewwel aġġravju dwar il-ġustifikazzjoni tal-preżentazzjoni żbaljata tal-oġġezzjoni fuq l-appoġġjar, minħabba l-limitazzjoni ta' żmien li kien hemm biex jiġi ttrattat każ kumpless, billi s-sentenza appellata tesprimi b'ċarezza ikbar il-kritika li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet fil-konfront tal-Kummissjoni fis-sentenza Schneider I, fejn intweriet il-formulazzjoni infeliċi tal-oġġezzjoni dwar l-appoġġjar, "ittrattat [mingħajr] ċarezza suffiċjenti" minn dik l-istituzzjoni Komunitarja, li ma semmietux fid-dokument inkwistjoni [44].

100. Għalkemm ma tibdilx il-kuntest ta' fatt, l-interpretazzjoni tas-sentenza Schneider I proposta mill-konvenuta tgħinna nifhmu aħjar is-sentenza stess, billi ssir insistenza fuq id-dettall li l-imperfezzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx attribwibbli għall-analiżi fl-isfond tal-effett fuq il-kompetizzjoni imma kienet limitata għar-referenza, assenti jew nieqsa ta' lment konkret, u dan l-iżball ċaħħad lill-kumpannija kkonċernata mill-possibbiltà li tagħmel id-difiża tagħha fir-rigward ta' dak l-ilment. Konsegwentement, huwa loġiku li l-ġustifikazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu ġew miċħudin mingħajr spjegazzjoni billi kienu jkunu utli biss kieku kkontestaw ir-riżultati tal-eżami mill-angolu tal-kompetizzjoni. Dan ma seħħx, kif jirriżulta, fost l-oħrajn, mis-sentenza Schneider I.

101. Ma jidhirx li hemm soluzzjoni oħra, billi l-għaġla li biha l-Kummissjoni hija obbligata li tibni l-fajl li jispiċċa fid-dikjarazzjoni tal-

43 — Sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du Pêcheur u Factortame (kawżi magħquda C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 55); tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 43; iktar 'il quddiem, "Bergaderm"); tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Camar u Tico (C-312/00 P, Ġabra p. I-11355, punt 54); tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs Fresh Marine (C-472/00 P, Ġabra p. I-7541, punt 26); tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs CEVA u Pfizer (C-198/03 P, Ġabra p. I-6357, punt 64), u Holcim, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47). Id-duttrina enfasizzat ir-rwol fundamentali tal-poter diskrezzjonali għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur li jkun sar; ara C. Wilson, "The role of discretion in EC law on non-contractual liability", fil-*Common Market Law Review,* nru 42, 2005, p. 686.

44 — Punt 445 tas-sentenza Schneider I.

oġġezzjonijiet ma teżentahiex mill-obbligu li toqgħod attenta għall-formulazzjoni tal-argumenti tagħha, speċjalment dawk deċiżivi, biex tissodisfa l-obbligu li hemm fl-Artikolu 18 tar-Regolament. Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet raġonevolment tiddeċiedi li r-referenza għall-ilment ma kien ifisser l-ebda diffikultà teknika u lanqas ma kien meħtieġ eżami speċifiku supplimentari.

102. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jiġi osservat li, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żbalji ta' dritt jew ta' fatt, m'għamlitx żnaturament tal-provi u lanqas ma naqset milli tagħti motivazzjoni u għaldaqstant nissuġġerixxi ċ-ċaħda tal-ewwel aggravju.

3. Fuq it-tieni aggravju

103. Il-Kummissjoni tilmenta kontra s-sentenza appellata li fiha żbalji ta' klassifikazzjoni tal-kuntest fattwali billi ma kkunsidratx il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li kellhom jiġu rregolati, kif ukoll żball ta' motivazzjoni, billi ċaħdet b'mod xott l-argumenti intiżi biex juru d-diffikultajiet li kien hemm fit-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Dawn l-argumenti kienu diġà ġew invokati fir-risposta.

104. Il-Kummissjoni, għalkemm ammettiet li prattikament ma kellha l-ebda marġni diskrezzjonali fl-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) u (3) tar-Regolament, issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza messha għarblet il-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li kellhom jiġu rregolati, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [45].

105. Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell, il-Kummissjoni tindika żball fid-deskrizzjoni tal-fatti li tirriżulta miċ-ċaħda tal-argument li l-ilment tal-appoġġjar kien jimplika kumplikazzjoni partikolari ulterjuri, marbuta mal-analiżi trażversali tat-tagħmir elettriku ta' tensjoni baxxa f'kull Stat Membru, inkluż dawk settorjali. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jirriflettix il-verità approċċ bħal dak adottat mis-sentenza appellata, li, fil-kuntest ta' operazzjoni tant kumplessa bħall-proċedura II tal-eżami tal-konċentrazzjoni ekonomika, jiżola l-obbligu li jiġu fformulati b'mod ċar l-oġġezzjonijiet fid-dikjarazzjoni relattiva billi tiġi invokata s-sempliċità ta' din l-operazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsiti fuq limiti ta' żmien riġidi li kellhom dawk li ħejjew id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001.

106. Il-Kummissjoni tikkritika wkoll is-sentenza appellata minħabba motivazzjoni insuffiċjenti safejn ċaħdet l-argumenti tagħha intiżi

45 — Sentenzi Bergaderm, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40), u Holcim, iċċitata iktar 'il fuq (punt 50).

biex juru li l-ilment ta' appoġġjar kien tqajjem fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

107. Mill-ġdid, is-soluzzjoni għandha tiġi minn interpretazzjoni korretta tas-sentenza appellata, billi l-fatt rilevanti biex tiġi vvalutata l-"kumplessità tas-sitwazzjonijiet li jridu jiġu affrontati" ma jikkonsistix fl-aġir, fl-analiżi u fl-osservazzjonijiet ta' natura ekonomika tal-Kummissjoni, imma f'li jinstemgħu l-impriżi kkonċernati.

108. Ir-regola inkwistjoni, li għandha tiġi intepretata skont il-gwida li jagħtu s-sentenzi Bergaderm u Holcim, tagħti lil dawk il-kumpanniji l-opportunità li jinstemgħu fil-fażijiet kollha tal-proċedura sal-konsultazzjoni tal-Kumitat konsultattiv, fir-rigward tal-oġġezzjonijiet kollha li sarulhom [46]; barra minn hekk, din ir-regola tobbliga lill-Kummissjoni li tibbaża d-deċiżjonijiet ta' inkompatibbiltà tagħha unikament fuq l-oġġezzjonijiet li dwarhom dawk ikkonċernati setgħu jikkummentaw [47].

109. Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-fatti rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ksur ma kinux kumplessi u li r-regola applikabbli ma kinitx diffiċli biex tiġi intepretata [48], u għalhekk, skont il-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja, billi ma kien hemm l-ebda marġni ta' diskrezzjoni, is-sempliċi ksur tal-Artikolu 18 tar-regolament joħloq ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni [49].

110. Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni tilmenta dwar in-natura xotta tal-argument, il-punti 152 u 155 tas-sentenza appellata ċaħdu l-argumenti dwar id-diffikultajiet tekniċi speċjali inerenti fil-preparazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet; is-sentenza tindika wkoll li n-nuqqas tal-ilment fuq l-appoġġjar ma ġiex minn żball ta' tħejjija fortuwita jew aċċidentali, li setgħet tiġi kkumpensata minn evalwazzjoni globali tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, b'referenza evidenti għall-formulazzjoni impliċita eventwali ta' dawn l-ilmenti invokati mir-rikorrenti fl-appell.

111. Fil-fatt, billi l-Kummissjoni bbażat it-tieni aggravju tal-appell fuq il-kumplessità ta' fatti li ma kellhom l-ebda rilevanza fil-mument ta' evalwazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità u l-klassifi-

46 — Artikolu 18(1), fl-aħħar tar-regolament.
47 — Artikolu 18(3) tar-Regolament.
48 — Punti 145 u 146 tas-sentenza appellata.

49 — F'dan is-sens titkellem ukoll id-duttrina; ara, pereżempju, K. Lenaerts, D. Arts, I. Maselis, *Procedural Law of the European Union* it-Tieni Edizzjoni, Sweet & Maxwell, Londra, 2006, p. 395; u H. G. Schremers, D. F. Waelbroeck, *Judicial Protection in the European Union,* is-Sitt Edizzjoni, Kluwer Law International, Den Haag/Londra/New York, 2001, p. 552. Fil-ġurisprudenza huwa ammess biss li, fil-każijiet fejn istituzzjoni jkollha marġni ta' diskrezzjoni mnaqqas, jekk mhux ineżistenti wkoll, is-sempliċi ksur tad-dritt Komunitarju jista' jkun biżżejjed biex jipprova l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju; ara, għal kollha, is-sentenza CEVA u Pfizer, iċċitata iktar 'il fuq (punt 65).

kazzjoni suffiċjenti tal-ksur ikkonstatat fis-sentenza Schneider I, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma żbaljatx meta ċaħdet dan il-motiv mingħajr ma pprovdiet spjegazzjonijiet fit-tul f'dan ir-rigward.

112. Konsegwentement, jaqa' wkoll l-argument dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni, billi s-sentenza appellata ma tikkritikax id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għall-fatt li ma ppreżentatx b'biżżejjed preċiżjoni l-ilment dwar l-appoġġjar, imma li naqset baxx baxx milli ssemmi dak l-ilment u ma ħallietx lil Schneider tifhem l-importanza tiegħu u xejnet il-kapaċità ta' difiża tagħha[50]. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni espliċita li tenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni attribwiet lil dik il-kritika ma setgħetx tiġi ssanata billi tiġi invokata l-kumplessità tal-proċedura; il-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċement stenniet mill-Kummissjoni preċiżjoni ikbar fil-preżentazzjoni bil-miktub tal-oġġezzjonijiet bħala kriterju indispensabbli għall-garanzija ta' dritt irrikonoxxut mill-Artikolu 18 tar-Regolament. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-motivazzjoni.

113. Fi ftit kliem, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tirribatti b'argumenti konvinċenti d-deċiżjoni fis-sentenza appellata dwar l-ilment fuq ksur suffiċjentement serju li għalhekk huwa kkonfermat; għaldaqstant jeħtieġ li wieħed jipproċedi għall-eżami tal-element li ġej li huwa meħtieġ għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà: li seħħ id-dannu.

C — *Fuq l-aggravju dwar id-dannu kkawżat lil Schneider*

114. Ix-xewqa li tiġi rrispettata l-ordni loġika tal-eżami tal-elementi li jikkomponu r-responsabbiltà mhux kuntrattwali jwassalni biex nantiċipa l-analiżi tas-sitt aggravju tal-appell.

115. B'dan l-aggravju, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet *ultra petita*, inkwantu rrikonoxxiet telf finanzjarju għall-kumpannija Franċiża li ma kienx intalab. Fil-fatt, għalkemm din il-kumpannija kienet talbet primarjament għall-kumpens tad-dannu kkawżat mit-telf ikkaġunat mill-obbligu li tbiegħ l-ishma ta' Legrand bi prezz iktar baxx minn dak tax-xiri[51], il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet it-telf ġej mit-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment li Schneider kellha tikkonċedi lix-xerrej tal-ishma ta' Legrand biex tikseb posponiment tal-eżekuzzjoni tat-trasferiment għal data xierqa biex il-proċeduri ġudizzjarji li kienu pendenti ma jiġux preklużi mill-iskop tagħhom qabel ma jiġu deċiżi[52].

50 — Minkejja n-natura tagħha ta' att preparatorju, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li l-komunikazzjoni tal-ilmenti għandha l-funzjoni li tillimita l-oġġett tal-proċediment amministrattiv mibdi mill-Kummissjoni, biex b'hekk dik l-istituzzjoni ma tkunx tista' tifformula oġġezzjonijiet ġodda fid-deċiżjoni li tagħlaq il-proċediment (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 63); ara wkoll id-digriet tat-18 ta' Ġunju 1986, British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni (kawżi magħquda 142/84 u 156/84, Ġabra p. 1899, punti 13 u 14).

51 — Punt 86 moqri flimkien mal-punt 260 tas-sentenza appellata.

52 — Punt 286 tas-sentenza appellata.

116. Mis-sentenza appellata l-Kummissjoni tara li hemm ksur tar-regoli fuq il-piż tal-prova billi kien kompitu ta' Schneider li tipprova d-dannu, kif ukoll ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha, billi ġiet imċaħħda milli tesprimi opinjoni fuq dak id-dannu.

117. Għal raġunijiet li ser jissemmew iktar 'il quddiem, anki dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

118. Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni *ultra petita*, naqbel mal-argument tal-kumpannija Franċiża li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ċaħditx ir-rabta kawżali fir-rigward tad-danni kollha mġarrba minn Schnieder u li, konsegwentement, it-telf finanzjarju inkwistjoni kien parti mill-volum globali tad-danni mitlubin. F'dan il-kuntest wieħed għandu jammetti li s-soluzzjoni ta' tilwima b'deċiżjoni *infra petita* ma tikser l-ebda regola proċedurali.

119. Fit-tieni lok, ir-riflessjoni preċedenti ssib konferma, fuq kollox, fil-fatt li s-sentenza appellata kellha tiddetermina biss kienx hemm dannu, mingħajr ma tidħol fil-kwantifikazzjoni. F'dan il-kuntest, kienet il-Kummissjoni li kellha tibni argument kapaċi li jirribatti kull rikonoxximent ta' obbligu ta' kumpens min-naħa tagħha, inkluż il-każ ta' kumpens ta' daqs iżgħar fir-rigward tat-talba inizjali.

120. Konsegwentement, jaqgħu l-argumenti tal-Kummissjoni dwar il-piż tal-prova u tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha, billi m'hemm l-ebda deċiżjoni *ultra petita*, u għalhekk għandu jiġi miċħud is-sitt aggravju tal-Kummissjoni f'dan ir-rikors.

D — *Fuq l-aggravji li jirrigwardaw ir-rabta kawżali*

121. Jeħtieġ li jiġu rijordinati t-tliet aggravji magħmulin mill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur imwettaq u d-dannu kkawżat lill-impriża Franċiża, skont iċ-ċirkustanzi li jirreferu għaċ-ċaħda assoluta ta' rabta tali[53], għall-interruzzjoni tiegħu[54] jew għal argumentazzjoni kuntradittorja fil-evalwazzjoni ta' din ir-rabta, li jkollu bħala korollarju l-annullament tas-sentenza appellata[55].

122. L-aħħar ilment jirreferi għaż-żewġ danni li s-sentenza appellata rrikonoxxiet li Schneider għandha dritt ta' kumpens għalihom, filwaqt li ż-żewġ ilmenti l-oħrajn jirrigwardaw biss il-kwantifikazzjoni tat-telf finanzjarju li diġà ssemmiet qabel.

53 — L-ewwel u t-tieni partijiet, kif ukoll l-ewwel argument tat-tielet parti tat-tielet aggravju tal-appell.

54 — L-argumenti l-oħrajn tat-tielet aggravju u l-ħames aggravju sħiħ.

55 — Ir-raba' aggravju tal-appell.

1. Ineżistenza ta' rabta kawżali

a) Fuq l-iżnaturament tal-fatti u tal-provi (l-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-appell)

123. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni lmentat dwar l-iżnaturament tal-fatti u tal-provi fil-punti 305 u 309 tas-sentenza kkontestata, dovut għal fatt li Schneider ġiet "obbligata", bis-saħħa tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà, tikkonkludi kuntratt ta' trasferiment ta' Legrand ma' Wendel-KKR.

124. Skont l-appellanti, miċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ u mill-aġir tal-kumpannija Franċiża kkonċernata jirriżulta li t-terminu biex issir is-separazzjoni, imtawwal sal-5 ta' Frar 2003, kien adegwat kemm għall-iskop li jiġu estiżi n-negozjati għall-bejgħ ta' Legrand kif ukoll biex tintalab proroga ġdida, kieku kienet meħtieġa, biex b'hekk tiġi aċċettata l-offerta fformulata mill-Kummissjoni fil-punt 122 tad-deċiżjoni ta' separazzjoni.

125. Schneider issostni l-inammissibbltà ta' dan it-tielet aggravju inkwantu jqiegħed fid-dubju l-kuntest fattwali definit fis-sentenza kkontestata. Iżda dan l-argument għandu jiġi miċħud peress li l-Kummissjoni ammettiet mingħajr eżitazzjoni li kienet qed tappella d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza preċiżament minħabba l-preżenza tal-iżnaturament tal-fatti tal-kawża.

126. F'dan il-kuntest, lanqas ma jidher li huwa konvinċenti r-raġunament tal-Kummissjoni billi ma jidhirx li kien hemm xi żnaturament. Fil-punti kkontestati l-Qorti tal-Prim'Istanza llimitat ruħha biex tesponi b'mod loġiku, li Schneider kellha tittrasferixxi Legrand u din l-idea kienet appoġġjata mill-kunsiderazzjoni li kien impossibbli li tiġi sospiża d-deċiżjoni ta' separazzjoni.

127. Barra minn hekk, billi ma riditx tabbanduna l-proġett ta' għaqda qabel ma tasal fit-tmiem tal-battalja ġudizzjarja li bdiet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta, fil-frattemp, kienu għaddejjin b'mod mgħaġġel in-negozjati max-xerrej futur, Schneider beżgħet li tibqa' msakkra bejn il-qadi tal-obbligi legali tagħha, minn naħa, u, min-naħa l-oħra, l-aspettattivi ġudizzjarji msemmijin. Ma jkunx ġust li dik il-kumpannija tiġi kkritikata għall-attenzjoni li biha kkonformat ruħha mad-deċiżjoni ta' separazzjoni, meta l-istess Kummissjoni kienet talbet il-waqfien immedjat tal-konċentrazzjoni ekonomika inkwistjoni [56].

128. Mhuwiex magħruf għaliex il-Kummissjoni qed tikkontesta li s-sentenza appellata fiha żnaturament tal-provi, billi ma kienx

56 — Punt 114 fl-aħħar tad-deċiżjoni tas-separazzjoni.

hemm żnaturament tal-fatti, għalkemm il-partijiet ma jaqblux mal-evalwazzjoni tal-provi li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza u lanqas, b'mod partikolari, tar-responsabbiltà patrimonjali li tirriżulta lill-istess Kummissjoni.

129. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi miċħuda l-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-appell.

b) Fuq in-nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-invalidità tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà u t-tnaqqis tal-prezz tat-trasferiment ta' Legrand mogħti lil Wendel-KKR (it-tieni parti tat-tielet aggravju tal-appell)

i) Definizzjoni tal-pożizzjonijiet

130. Il-Kummissjoni tgħid li d-deċiżjoni kkontestata fiha xi konstatazzjonijiet ta' fatt żbaljati, żnaturament tal-fatti kif ukoll żball ta' klassifikazzjoni legali, billi stabbiliet [57] rabta diretta bejn il-kawża tal-illegalità tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà u t-trasferiment ta' Legrand bi prezz orħos minn dak tal-bejgħ definittiv, fin-nuqqas ta' żbalji.

131. Il-Kummissjoni tibbaża l-argumenti tagħha fuq tliet tipi ta' kunsiderazzjonijiet: fl-ewwel lok, hija tiddeduċi li l-aħħar terminu li fih Schneider kienet impenjat ruħha li tittrasferixxi Legrand lil Wendel-KKR, jiġifieri, fl-10 ta' Diċembru 2002, kien ġie ffissat fis-26 ta' Lulju, meta l-impriża konvenuta ma kellhiex il-ħtieġa li jkollha terminu. Il-Kummissjoni ma ratx li kien hemm inkonvenjenti biex jiġi estiż it-terminu għas-separazzjoni għal wara l-5 ta' Frar 2003, skadenza li kienet ġiet stabbilita fil-bidu. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, meta rrinunzjat għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' ħall fil-5 ta' Diċembru 2002, Schneider kienet konsapevoli li ma kinitx obbligata tissepara minn Legrand, għaliex fit-22 ta' Ottubru ta' qabel, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet annullat iż-żewġ deċiżjonijiet inkwistjoni.

132. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li t-trasferiment ta' Legrand kien ġie ddeterminat esklużivament mir-rieda ta' Schneider li, meta aġixxiet b'dan il-mod, irrinunzjat kemm għad-dritt tagħha li tħassar il-kuntratt ta' bejgħ, kif ukoll li tikseb deċiżjoni eventwali ta' kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq komuni, billi, fil-kuntest tal-proċedura li reġgħet inbdiet mill-Kummissjoni, setgħet ipproponiet miżuri intiżi biex tiġi solvuta l-kwistjoni tal-appoġġjar.

133. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tikkunsidra li n-natura proċedurali tal-att ta' ksur li ġie imputat lilha jipprekludi l-ħolqien ta' kwalunkwe rabta kawżali bejn dan in-nuqqas u t-tip ta' dannu rikonoxxut lil Schnieder mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

57 — Fil-punti 311 sa 316 tas-sentenza appellata.

134. Min-naħa tagħha, il-kumpannija msemmija tiċħad l-argumenti kollha tal-Kummissjoni billi tikkunsidra li ma japplikawx, għaliex mhumiex maħsubin biex jikkontestaw ir-rabta kawżali mal-ispejjeż relattivi, b'hekk, għal dak li jirrigwarda d-data tat-trasferiment, il-kumpannija msemmija tiċħad l-argument tal-Kummissjoni, billi, minn naħa ma tqisx il-fatt li Wendel-KKR aċċettat li testendi dik id-data, massimu sal-10 ta' Diċembru, li Schneider ma setgħetx toġġezzjona; u minnaħa l-oħra, ittenni li l-aġir ostili tal-Kummissjoni ma ppermettiex li tiġi prevista deċiżjoni ġdida li tawtorizza l-għaqda tażżewġ kumpanniji inkwistjoni.

135. Fir-rigward tal-jum tal-konsenja ta' Legrand lix-xerrej, Schneider tindika żball tal-Kummissjoni meta identifikat id-data tattrasferiment effettiv mal-mument meta sar id-dannu, billi, fil-fehma tagħha, id-dannu ġara fl-istess waqt li ngħatat id-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà. Din il-kumpannija tikkontesta wkoll li n-natura proċedurali tal-irregolarità fl-oriġini tal-annullament tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà teskludi rabta kawżali.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet

136. Dan l-aggravju jeħtieġ eżami ddettaljat tar-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali.

137. Skont is-sentenza kkontestata, il-posponiment tat-twettiq tal-bejgħ ta' Legrand fl-istennija ta' deċiżjoni rigward it-tilwim li kien għadu pendenti fuq il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq komuni, kien iwassal lil Schneider li tikkonċedi lil Wendel-KKR tnaqqis fil-prezz ta' trasferiment ta' Legrand fir-rigward tal-prezz li l-kumpannija kkonċernata kienet tikseb fil-każ ta' bejgħ definittiv, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' inkompatibbiltà li kienet tidher sa mill-bidu vvizjata minn żewġ illegalitajiet manifesti [58].

138. Is-sentenza kkontestata mbagħad torbot dan il-posponiment tat-tranżazzjoni sal-10 ta' Diċembru 2002 mal-kumpens tar-riskju ta' deprezzament tal-ishma ta' Legrand li kellha Wendel-KKR, anki biss minħabba l-eventwalità ta' varjazzjoni żvantaġġuża tal-andament tat-titoli industrijali matul il-perijodu inkluż bejn id-data tal-firma tal-kuntratt ta' trasferiment u d-data miftiehma għat-twettiq tiegħu [59].

139. Filwaqt li attribwiet lil Schneider ċerta responsabbiltà għall-ħolqien tad-dannu, is-sentenza appellata kkundannat lill-Kummissjoni tikkumpensa żewġ terzi tad-dannu li sofriet Schneider li jikkorrispondi għall-ammont tat-tnaqqis tal-prezz ta' trasferiment ta' Legrand SA li l-istess kumpannija kellha tikkonċedi liċ-ċessjonarju biex ikun hemm posponiment tat-terminu għat-twettiq effettiv tal-bejgħ sal-10 ta' Diċembru 2002 [60].

58 — Punt 311 tas-sentenza appellata.
59 — Punt 312 tas-sentenza appellata.
60 — L-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata.

140. Naqbel mal-Kummissjoni li l-mod li bih tpoġġiet il-problema mhuwiex korrett. B'mod partikolari, ir-rabta kawżali li tiskatta r-responsabbiltà mhux kuntrattwali hija inadegwata f'dan il-każ minħabba li hija nieqsa mill-karatteristiċi partikolari essenzjali, jiġifieri li d-dannu ma jirriżultax mill-att illegali b'mod dirett, immedjat u esklużiv [61], skont relazzjoni ta' kawża u effett [62].

141. Mingħajr dubju, is-sentenzi ta' inkompatibbiltà u ta' separazzjoni wasslu lil Schneider tfittex impriża kapaċi li tbati l-ispejjeż talakkwist ta' kumpannija tad-dimensjonijiet ta' Legrand. Din kienet ħidma li kienet timplika negozjati kumplessi, kif tindika Schneider filkontroreplika [63].

142. F'dan is-sens, l-annullament tad-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq kien jagħmel l-ispejjeż relatati ma' dawn in-negozjati inutli, billi, peress li ma ngħatatx ordni ta' separazzjoni, Schneider ma kellhiex għalfejn tagħmel l-ispejjeż dwar dik l-operazzjoni. Madankollu, il-kumpannija kkonċernata mhux qed titlob il-kumpens għal dan it-tip ta' dannu u għalhekk m'hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-fond; iżda minkejja dan nixtieq insemmihom bħala eżempju ta' spejjeż li huma marbutin mal-annullament ta' att amministrattiv tal-Kummissjoni jew, talanqas li, peress li jsiru superfluwi, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ġejjin minn dak il-ksur.

143. Għall-kuntrarju, għalkemm it-tnaqqis tal-prezz ta' bejgħ ta' Legrand lil Wendel-KKR huwa l-frott tal-istess negozjati, dan, madankollu, ma jirriżultax mill-invalidità talatt, imma mir-rieda ħielsa ta' Schneider li ffurmat matul in-negozjati mal-partijiet kontraenti l-oħrajn. F'dan il-kuntest, Schneider ma ħassithiex komda ħafna, minħabba l-pressjoni li għamlitilha l-Kummissjoni biex is-separazzjoni tiġi eżegwita, imma dik l-għaġla kienet wieħed biss mill-elementi li affettwaw il-konfigurazzjoni definittiva talftehim ma' Wendel-KKR.

144. Fil-kontroreplika, Schneider tipprovdi informazzjoni li tikkontribwixxi biex tiċċara l-kundizzjonijiet li minnhom ħareġ il-kuntratt ta' trasferiment ta' Legrand, billi ġew elenkati elementi oħrajn li għamlu pressjoni kbira fuq id-diriġenti ta' Schneider li ġiegħluhom jittrasferixxu malajr il-kumpannija li magħha riedu jingħaqdu, bħall-pożizzjoni tal-istess president ta' Legrand [64], dik tal-azzjonisti ta' Schneider, tal-analisti finanzjarji u tasswieq [65]. Dawn id-dikjarazzjonijiet jgħinu biex jiġi kkompletat il-kuntest li fihom ġew iffurmati l-akkordji bejn Schneider u Wendel-KKR, biex b'hekk l-obbligu li jiġu sseparati ż-żewġ kumpanniji li kienu ngħaqdu (li fl-aħħar ġie ddikjarat illegali) kien biss l-isfond għas-sitwazzjoni, mingħajr ma influwenza direttament l-akkordji verbali, li

61 — A. G. Toth, "The concepts of damage and causality as elements of non-contractual liability", f'T. Heukels/A. McDonnell (Edituri), *The Action for Damages in Community Law*, Ed. Kluwer Law International, Den Haag, Londra, Boston, 1997, p. 192.

62 — Sentenza tal-15 ta' Jannar 1987, GAEC de la Ségaude vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (253/84, Ġabra p. 123, punt 10).

63 — Punt 99 tal-kontroreplika.

64 — Fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji bejn Schneider u Legrand fil-qrati nazzjonali nirreferi għall-punti 27, 67 u 219 *et seq* tas-sentenza appellata.

65 — Punt 100 tal-kontroreplika.

mbagħad saru bil-miktub minn Schneider fil-kuntratt ta' bejgħ ta' Legrand. Wieħed jista' jassumi li dawn iċ-ċirkustanzi kollha jispjegaw b'mod adegwat l-anzjetà ta' Schneider li tikkonkludi n-negozjati fis-26 ta' Lulju 2002.

145. Huwa normali li Schneider irriżervat id-dritt li tħassar il-kuntratt stipulat ma' Wendel-KKR skont l-eżitu li kien ser ikollhom il-kawżi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Madankollu, ħlief għall-elementi indikati fil-punt preċedenti, xejn ma kien qed iġiegħel lil dik il-kumpannija milli tikkonkludi u tipperfezzjona l-kuntratti ta' bejgħ sa data tant fil-qrib, kif tissuġġerixxi sewwa l-Kummissjoni meta ssostni li t-terminu tal-5 ta' Frar mogħti lill-istess kumpannija, minbarra li seta' jiġi estiż, kien jidher suffiċjenti biex jinstab xerrej xieraq.

146. Is-suspett jikber li, bl-adozzjoni ta' dan il-proċess, Schneider kellha l-intenzjoni li tagħti prijorità lit-tranżazzjoni ma' Wendel-KKR, u ħalliet it-tkomplija tal-għaqda għal sempliċi ipoteżi. Din il-konġettura sostnuta mill-preżenza tal-pressjonijiet imsemmijin, saret konkreta meta l-kumpannija inkwistjoni, minflok ma salvat l-operazzjoni, bit-tkomplija tal-fażi II tal-proċedura ta' kontroll min-naħa tal-Kummissjoni wara l-annullament tad-deċiżjonijiet iċċitati, ippreferiet teżegwixxi l-ftehim konkluż mal-kumpannija xerrejja.

147. Barra minn hekk, iċ-ċifra ta' EUR 180 miljun li Schneider kienet titlef meta rrinunzjat għall-bejgħ kienet biss ir-riżultat tal-mod kif il-kumpannija kienet mexxiet in-negozjati; u t-tnaqqis eventwali tal-valur tal-attivitajiet ta' Legrand, dovuta għad-deprezzament tat-titoli industrijali matul il-perijodu kkunsidrat, jidhirli li huwa argument vag u azzardat wisq biex tista' tinħoloq rabta kawżali [66].

148. Fl-aħħar, meta affrontat l-isfidi li għamlu ż-żewġ impriżi msemmijin [67], Wendel-KKR kienet taf bil-ħsieb ta' Schneider għaliex kienet taf tajjeb li kien hemm il-possibbiltà li tiġi ddikjarata l-invalidità tad-deċiżjonijiet ta' kompatibbiltà u ta' separazzjoni — fatt li loġikament kien iċaħħadha mix-xiri ta' Legrand. Konsegwentement, dik il-kumpannija tat lill-kuntratt l-istrumenti kollha xierqa biex tkun protetta minn kwalunkwe perikolu: it-tnaqqis tal-prezz tal-bejgħ u r-remunerazzjoni ta' EUR 180 miljun għar-rexissjoni tal-kuntratt, u għalhekk ittrasferiet, permezz tal-kuntratt, ir-riskji tagħha lill-bejjiegħ, li aċċettahom liberament.

149. Għaldaqstant Schneider ħadet riskju serju billi għażlet li tieħu t-triq ipprovduta

66 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Mejju 1976, Roquette vs Il-Kummissjoni (26/74, Ġabra p. 677, punt 23) u l-konklużjonijiet relattivi tal-Avukat Ġenerali Trabucchi (Ġabra p. 694).

67 — Fir-rigward tar-responsabbiltà fuq l-għajnuna mogħtija mill-Istat, ara s-sentenzi tal-25 ta' Mejju 1978 [kawżi magħquda 83/76, 94/76, 4/77, 15/77 u 40/77] HNL *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (Ġabra p. 1209, punt 6) u tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (kawżi magħquda C-104/89 u C-37/90, Ġabra p. I-3061, punt 13). Ara wkoll, C. Koenig, "Haftung der Europäischen Gemeinschaft gem. Art. 288 II EG wegen rechtswidriger Kommissionsentscheidungen in Beihilfensachen", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht,* nru 7/2005, p. 205.

mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament. Dik id-dispożizzjoni tidderoga mill-prinċipju tal-eżekuzzjoni tal-konċentrazzjoni qabel ma l-Kummissjoni tagħmel id-dikjarazzjoni espressa jew taċita [68] tagħha. Għaldaqstant l-imprenditur diliġenti għandu jkun jaf bil-konsegwenzi inerenti fl-evalwazzjoni negattiva tal-operazzjoni min-naħa tal-istituzzjoni Komunitarja kompetenti, li tfisser neċessarjament l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' separazzjoni, għaliex, minkejja s-sinjifikat tal-Artikolu 8(4) tal-istess regolament ("Meta konċentrazzjoni tkun diġà implementata, il-Kummissjoni *tista',* [...] teħtieġ li [...] jiġu separati"), fiċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 7(3) il-Kummissjoni m'għandhiex marġni ta' diskrezzjoni meħtieġ biex jiġi stabbilit l-istatus quo fis-suq li huwa l-għan espliċitu tad-dispożizzjoni inkwistjoni [69].

150. Fil-qosor, jidħlu f'din l-isfera tar-riskji msemmija meħudin mill-kumpanniji li jużaw l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 7(3) l-inċertezzi normali li jolqtu l-għaqdiet tagħhom, għaliex jidhru faċilment prevedibbli fid-dawl tal-leġiżlazzjoni fuq il-konċentrazzjonijiet [70].

151. Anki jekk l-annullament tad-deċiżjonijiet ta' inkompatibbiltà u ta' separazzjoni ma jidħolx fost l-inċertezzi "normali" jista' jkun iġġustifikat ir-rikonoxximent ta' xi dannu, pereżempju dak ġej min-negozjati mibdija minħabba t-trasferiment ta' impriża, kif indikajt iktar 'il fuq; madankollu, meta l-oriġini tal-invalidità tkun żball proċedurali tal-Kummissjoni, li meta jitneħħa jippermetti li terġa' tinbeda l-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni, mhuwiex meħtieġ li jiġu rrikonoxxuti tipi oħrajn ta' preġudizzju, billi l-identifikazzjoni ta' motiv tal-annullament inkwistjoni ma jaffettwax l-analiżi ekonomika, kif din tirriżulta mis-sentenza appellata f'din il-proċedura.

152. Abbażi ta' dawn il-premessi, il-Kummissjoni tirrileva ġustament li l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet minħabba difett fil-forma ma affettwax il-mertu tat-tranżazzjoni eżaminata, inkwantu, meta jiġi ssanat id-difett dwar il-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament, id-deċiżjoni li kienet tiġi adottata wara l-ftuħ tal-proċedura II ma kinitx predeterminata, billi setgħet tirriżulta pożittiva jew negattiva, prinċipalment skont kemm huma xierqa l-miżuri li kienet tipproponi Schneider.

153. Billi l-kumpannija Schneider kienet tgħabbiet kemm bl-isfera tar-riskji tagħha, kif ukoll, bil-kuntratt, bl-isfera tar-riskji ta' Wendel-KKR, l-għoti min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' kumpens għat-tnaqqis tal-prezz li l-ewwel kumpannija kellha toffri lit-tieni waħda biex tistenna l-konklużjoni tal-proċeduri li kienu pendenti, jispiċċa biex l-impriżi li jagħżlu li jużaw il-mezz mogħti mill-Artikolu 7(3) tar-regolament, jingħataw garanzija jew assigurazzjoni għall-kategoriji

68 — Ablasesr-Neuhuber, "Artikel 7. Aufschub des Vollzugs von Zusammenschlüssen", en Loewenheim/Meessen/Riesenkampff, *Kartellrecht — Band 1 Europäisches Recht — Kommentar,* Ed. C. H. Beck Verlag, Munich, 2005, p. 1192.

69 — U. Immenga, T. Körber, "Fusionskontrllverordnung — Artikel 8. Entscheidungsbefugnisse der Kommission", en Immenga/Mestmäcker, *Wettbewerbsrecht — EG/Teil 2 — Kommentar zum Europäischen Kartellrecht,* ir-Raba' Edizzjoni, Ed. C. H. Beck, Munich, 2007, p. 673.

70 — Fir-rigward tar-riskji inerenti fl-attivitajiet ekonomiċi, ara s-sentenza reċenti tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni (C-47/07 P, Ġabra p. I-9761, punti 59 u 93).

kollha ta' spejjeż supplimentari li jistgħu jinħolqu meta tinkiser regola, anki fil-każ ta' regoli ta' proċedura mingħajr riperkussjoni diretta fuq in-natura ekonomika tal-konċentrazzjoni.

154. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li jippreċedu, inqis li huwa opportun li dan l-aggravju jiġi milqugħ u konsegwentement tiġi annullata s-sentenza kkontestata fil-parti fejn irrikonoxxiet li l-impriża Schneider ġarrbet dannu mit-tnaqqis tal-prezz tat-trasferiment ta' Legrand SA, li l-ewwel kumpannija kellha toffri lil Wendel-KKR biex tikkumpensaha għal posponiment tal-bejgħ sal-10 ta' Diċembru 2002.

2. Fuq l-interruzzjoni tar-rabta kawżali (it-tielet u l-ħames aggravji tal-appell)

a) Sunt tal-argumenti tal-partijiet

155. Għalkemm dak l-argument ġie ttrattat b'mod pjuttost superfiċjali fin-noti ppreżentati fil-kuntest tar-rikors inkwistjoni, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza essenzjalment ikkommettiet żball tad-dritt minħabba l-fatt li ma kkunsidratx li, għal diversi raġunijiet, ir-rabta kawżali kienet ġiet interrotta minħabba l-aġir tal-konvenuta fl-appell.

156. Minn naħa, fit-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, minkejja n-natura formali tal-iżball imwettaq, kien sar indispensabbli li tiġi adottata deċiżjoni ġdida wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura II li wasslet għall-interruzzjoni tar-rabta kawżali inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, dik l-istituzzjoni targumenta li l-iffissar tat-terminu tal-bejgħ sal-10 ta' Diċembru 2002 u r-rinunzja ta' Schneider li tuża l-klawżola ta' riżoluzzjoni inkluża fil-kuntratt imsemmi oriġinaw id-dannu invokat [71].

157. Barra minn hekk, bil-ħames aggravju, il-Kummissjoni tenfasizza li Schneider naqset mill-obbligi tagħha ta' diliġenza bi tliet modi: l-ewwel, billi ma talbitx informazzjoni iktar dettaljata mill-Kummissjoni dwar l-appoġġjar; it-tieni, billi ma attivatx il-miżuri protettivi li setgħet titlob qabel u wara s-sentenza ta' annullament; u t-tielet, billi eżegwiet il-kuntratt ta' trasferiment ta' Legrand f'mument meta ma kinitx iktar obbligata legalment li tissepara minn dik il-kumpannija.

158. Madankollu Schneider, qabel ma ċaħdet dawn l-argumenti dwar il-mertu tas-sentenza appellata, tinvoka l-inammissibbiltà tal-argumenti kollha msemmijin iktar 'il fuq esposti mill-Kummissjoni, billi huma aggravji ġodda li dwarhom il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ddeċidiet xejn.

71 — F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiċċita s-sentenza tad-19 ta' Settembru 1985, Murri Frères vs Il-Kummissjoni (33/82, Ġabra p. 2759, punti 37 u 38), u *in extenso* diversi punti tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Luilju 2007, FG Marine vs Il-Kummissjoni (T-360/04, punti 51 sa 56 u 75 sa 77).

159. Għaldaqstant, billi ssuġġerejt li jiġi milqugħ l-aggravju dwar l-ineżistenza ta' rabta kawżali, qed nipproponi sussidjarjament l-osservazzjonijiet li ġejjin fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-opinjoni tiegħi u trid teżamina fil-mertu l-aggravji l-oħrajn.

b) Fuq l-ammissibbiltà ta' wħud mill-argumenti

160. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà li qajmet Schneider f'dan ir-rikors tirrigwarda l-affermazzjoni kkontenuta fit-tielet aggravju li biha l-Kummissjoni akkużatha b'negliġenza kif ukoll il-ħames aggravju kollu tal-appell, deskritt fil-punt 167 ta' dawn il-konklużjonijiet; fiż-żewġ każijiet din il-kumpannija tibbaża l-kritika tagħha fuq il-fatt li dawn huma elementi ġodda fir-rigward tad-dibattiti tal-ewwel istanza.

161. Fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura innovattiva tan-negliġenza li l-Kummissjoni qed taddebita lil Schneider u li kkawżat id-dannu, biżżejjed jingħad li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-introduzzjoni, fil-kuntest ta' dawn it-tipi ta' każijiet, ta' argumenti li ma ġewx diskussi fl-ewwel istanza, dejjem jekk iservu biex isaħħu motiv invokat fl-ewwel istanza [72].

72 — Sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (kawżi magħquda C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869, punt 178), u tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 66).

162. Fit-tieni lok, insostenn tal-ħames aggravju, il-Kummissjoni tallega li, fil-punti 326 sa 335 tas-sentenza appellata, ġiet eżaminata l-kwistjoni dwar l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà lil Schneider għall-ħolqien tad-dannu, għallinqas f'ċertu grad. L-argumenti kollha li Schneider tagħmel fuq dan id-difett jiżviluppaw dan l-aspett u għalhekk lanqas din il-kritika ma tista' tiġi milqugħa.

163. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà proposta minn Schneider ma tistax tiġi milqugħa u għandha tiġi miċħuda kollha kemm hija.

c) Fuq il-mertu

164. Il-kriterji biex issir din l-analiżi huma pprovduti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet Komunitarji n-nuqqas ta' diliġenza jew ta' attenzjoni tal-individwu li jitlob il-kumpens jista' jibdel ir-rabta kawżali bejn l-att illegali u d-dannu, sakemm inaqqas [73] dik ir-responsabbiltà, jekk mhux ineħħiha għal kollox [74].

73 — Sentenza tas-7 ta' Novembru 1985, Adams vs Il-Kummissjoni (145/83, Ġabra p. 3539, punti 53 sa 55), u tas-27 ta' Marzu 1990, Grifoni vs CEEA (C-308/07, Ġabra p. I-1203, punti 16 u 17).

74 — Pereżempju, fis-sentenzi tal-4 ta' Frar 1975, Compagnie Continentale France vs Il-Kunsill (169/73, Ġabra p. 117, punti 22 sa 32); tal-1 ta' Lulju 1976, Sergy vs Il-Kummissjoni (58/75, Ġabra p. 1139, punti 46 u 47); tat-8 ta' Ġunju 1977, Merkur vs Il-Kummissjoni (97/76, Ġabra p. 1063, punt 9), tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33).

Madankollu, apparti dawn l-aspetti ġenerali, il-kwistjonijiet f'dan il-qasam juru każistika inevitabbli.

165. Fir-rigward tas-sentenza appellata, diffiċli jinftiehem l-ewwel argument tal-Kummissjoni li l-adozzjoni obbligatorja ta' deċiżjoni ta' kompatibbiltà wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura II interrompiet ir-rabta kawżali bejn id-deċiżjonijiet annullati u d-dannu kkawżat lil Schneider, jekk dik ir-rabta kienet teżisti. Fil-fehma tal-Kummissjoni, id-deċiżjoni formali ġdida kellha l-effett li tinterrompi din ir-rabta kawżali billi, kieku bassret il-kompatibbiltà tal-operazzjoni, Schneider ma kinitx tkun kostretta tbiegħ lil Legrand u, f'każ kuntrarju, id-deċiżjoni l-ġdida kienet timpedixxi l-ikkawżar tad-dannu.

166. Ma jistax jiġi aċċettat dan l-argument tal-Kummissjoni li, kif tgħid Schneider fir-risposta, huwa sofiżmu. Fi kwalunkwe każ, ir-raġunament tal-Kummissjoni ma japplikax billi jirreferi għal ipoteżi li ma saritx konkreta wara t-trasferiment ta' Legrand lil Wendel-KKR. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud għaliex għandna niġġudikaw il-fatti li ġraw realment u mhux dawk immaġinarji.

167. Ngħid l-istess ħaġa għal-ewwel punt tal-ħames aggravju, b'referenza għan-nuqqas ta' diliġenza ta' Schneider għall-fatt li ma talbitx lill-Kummissjoni tagħtiha spjegazzjonijiet ulterjuri dwar l-appoġġ; b'dan l-aġir il-Kummissjoni trid twaħħal fil-kumpannija Franċiża għan-nuqqas tagħha ta' preċiżjoni fit-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Iżda dan il-logħob bil-kliem huwa evidenti wisq biex ma ssirx osservazzjoni u għalhekk għandu jiġi miċħud.

168. Fit-tieni punt tal-ħames motiv, b'referenza għal xi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza [75] il-Kummissjoni tisħaq li r-rabta kawżali ġiet interrotta għaliex Schneider irrinunzjat għall-miżuri protettivi li setgħet titlob qabel jew wara s-sentenzi ta' annullament.

169. Madankollu mill-fatti aċċertati [76] jirriżulta li Schneider ippreżentat, flimkien mar-rikors għal annullament, talba għal miżuri provviżorji, biex tikseb is-sospensjoni tal-effetti tad-deċiżjoni ta' separazzjoni; barra minn hekk ir-rinunzja suċċessiva biex titkompla l-proċedura ċċitata hija dovuta għal żewġ fatti konkomitanti: minn naħa, l-ammissjoni tal-kawża T-310/01 għall-proċedura mħaffa; u, min-naħa l-oħra, l-estensjoni sal-5 ta' Frar 2003 tat-terminu ffissat mill-Kummissjoni għas-separazzjoni minn Legrand.

75 — Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Jannar 1999, BAI vs Il-Kummissjoni (T-230/95, Ġabra p. II-123, punt 36) u tad-19 ta' Lulju 2007, FG marine vs Il-Kummissjoni (T-360/04, punt 74).

76 — Punti 50 sa 52 tas-sentenza appellata.

170. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, Schneider aġixxiet bid-diliġenza dovuta, għax ir-riżultat tal-istrateġija tagħha kien kważi l-istess bħal dak li kienet tikseb bil-miżuri provviżorji inkwantu l-inċertezza dwar il-validità taż-żewġ deċiżjonijiet ikkontestati kienet tkun irregolata malajr, u, indipendentement mill-iżviluppi ta' dawn il-proċeduri, hija kienet kisbet marġni ta' manuvra ikbar għat-trasferiment ta' Legrand.

171. Għaldaqstant, l-aġir li adottat Schneider f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jiġi kkunsidrat negliġenti, u lanqas idoneu biex jinterrompi r-rabta kawżali inkwistjoni, u għalhekk l-argument tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud bħala infondat.

172. Fl-aħħar, minħabba l-konnessjoni oġġettiva tagħhom, għandhom jiġu eżaminati flimkien it-tielet punt tal-ħames aggravju, li jgħid li Schneider biegħet lil Legrand meta ma kinitx obbligata iktar tissepara minn din tal-aħħar, u l-kritika tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tat-terminu tal-bejgħ sal-10 ta' Diċembru 2002, kif ukoll ir-rinunzja min-naħa ta' Schneider li tuża klawżola ta' rexissjoni stabbilita mill-istess kuntratt; skont din l-istituzzjoni Komunitarja, dawn iċ-ċirkustanzi kollha kkontribwew biex jipprovokaw id-dannu invokat minn Schneider, u ġiet annullata b'dan il-mod ir-rabta kawżali kkontestata.

173. Schneider tiddikjara li kellha tbiegħ minħabba żewġ raġunijiet: l-ewwel, biex tissodisfa l-obbligu li tissepara minn Legrand, u t-tieni, wara l-annullament tad-deċiżjonijiet, biex tevita r-riskju li jkollha tistenna awtorizzazzjoni billi kienet taf bil-pożizzjoni inflessibbli tal-Kummissjoni fit-tieni proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni.

174. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, kif għedt ikun opportun, subordinatament, li dawn l-argumenti jiġu milqugħa għaliex diġà esprimejt il-konvinzjoni li ma teżisti l-ebda rabta kawżali.

175. Meta ġie eżegwit il-kuntratt ta' trasferiment ta' Legrand fl-10 ta' Diċembru 2002, Schneider kienet marbuta esklużivament bil-kuntratt tagħha, billi d-deċiżjonijiet ta' inkompatibbiltà u ta' separazzjoni kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fit-22 ta' Ottubru tal-istess sena. Anki jekk ġie kkunsidrat li dak il-kuntratt kien ġie stipulat bl-intenzjoni li jiġi sodisfatt l-obbligu legali ddikjarat null, il-bejgħ sar bħala att ta' rieda tal-kumpannija kkonċernata, li għaġġlet

il-konklużjoni tal-proċedura ta' analiżi tal-konċentrazzjoni, billi ġew segwiti xi klawżoli li kienu l-frott tan-negozjati magħmulin max-xerrej u li fuqhom il-Kummissjoni ma kellha l-ebda influwenza.

176. Barra minn dan, minbarra l-fatt li Schneider setgħet allura taspira għal deċiżjoni pożittiva fl-aħħar tal-proċedura ta' kontroll, billi ġietha l-opportunità li tipproponi miżuri biex tinnewtralizza l-appoġġjar, opportunità li kienet irrinunċjat espressament meta nfirdet minn Legrand, ma jidhirlix li dik il-kumpannija aġixxiet b'mod diliġenti meta injorat il-klawżola riżoluttiva.

177. F'dawn il-kundizzjonijiet, filwaqt li jiġi ammess li Schneider riedet tikkonkludi l-għaqda ma' Legrand [77], kien ikun iktar loġiku li tirtira mit-trasferiment, bl-invokazzjoni ta' dik il-klawżola, biex timminimizza d-dannu lmentat, għaliex l-ammont ta' EUR 180 miljun mhux paragunabbli mat-talba għall-kumpens fiċ-ċifra ta' EUR 1 700 miljun. Proċedimenti ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità għall-valur indikat fil-klawżola ta' kanċellazzjoni kienu jkunu iktar raġonevoli u iktar koerenti mar-realtà tal-fatti.

178. Għaldaqstant nikkunsidra li meta għaddiet għall-bejgħ mingħajr ma kienet legalment obbligata li tagħmlu, u billi ma aġixxietx bid-diliġenza dovuta, Schneider interrompiet ir-rabta kawżali u għalhekk nipproponi, subordinatament, li jiġi milqugħ il-ħames aggravju.

3. Fuq l-aggravju bbażat fuq motivazzjoni kontradittorja

179. Bir-raba' aggravju l-Kummissjoni tgħid li hemm kontradizzjoni f'din il-linja tal-argument tal-Qorti tal-Prim'Istanza, billi jkun inkoerenti, minn naħa, li tiġi nnegata rabta kawżali bejn il-ksur li ddetermina l-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet inkwistjoni u

77 — Referenza għall-punti 146 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

d-dannu li allegatament ġie soffert (fil-punti 260 sa 286) u, min-naħa l-oħra, li din ir-rabta tirriżulta miż-żewġ tipi ta' dannu li ġew irrikonoxxuti li ġarrbet Schneider (punt 288).

180. Biex tirribatti din il-kritika, biżżejjed li wieħed jiftakar li l-ewwel waħda miż-żewġ analiżijiet imsemmijin mill-Kummissjoni tirreferi għar-rabta kawżali msemmija iktar 'il fuq dwar it-telf *totali* ta' valur tal-attivitajiet ta' Legrand fil-perijodu inkluż bejn l-akkwist u l-bejgħ tagħha f'Diċembru 2002, filwaqt li t-tieni analiżi tirreferi għat-telf li, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, sofriet il-kumpannija Franċiża. Għalhekk m'hemm l-ebda kontradizzjoni fir-raġunament tas-sentenza appellata u, konsegwentement, jaqa' anki r-raba' aggravju

E — *Fuq is-seba' aggravju*

181. Subordinatament, il-Kummissjoni qed titlob l-annullament tas-sentenza appellata, safejn ikkonċediet lill-Schneider l-interessi moratorji li jibdew jgħoddu mid-data ta' meta mmaterjalizza d-dannu, jiġifieri mill-10 ta' Diċembru 2002, sad-data meta jkun tħallas il-kumpens.

182. Billi qed nissuġġerixxi li tiġi annullata s-sentenza appellata minħabba nuqqas ta' rabta kawżali u, sussidjarjament, minħabba l-interruzzjoni ta' din ir-rabta, mhuwiex meħtieġ li jiġu eżaminati l-argumenti li fuqhom huwa bbażat is-seba' aggravju, li jirreferi biss għad-dannu li fl-analiżi tiegħi nikkunsidra bħala ineżistenti.

## VII — Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-mertu tal-kawża

183. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tista', f'każ ta' annullament, tiddeċiedi definittivament il-kawża, jekk l-istat tal-atti jippermetti dan, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha. Wieħed mill-każijiet fejn tista' tiġi applikata l-possibbiltà li toffri din id-dispożizzjoni huwa dak tal-iżball *in iudicando*, dejjem jekk l-espożizzjoni tal-fatti tkun kompleta u biżżejjed għas-sentenza definittiva u ma jkunx hemm bżonn ta' prova. Hekk donnu għandha tiġi interpretata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm, is-soltu hija ma tesprimix il-motivi għaliex tiddeċiedi li l-istat tal-fatti jippermetti li tissolva t-tilwima [78].

78 — Hija tillimita ruħha normalment sabiex tgħid biss, b'mod pjuttost lakoniku, dak li jiġri fil-każ konkret. Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Kunsill vs Chvatal *et* (kawżi magħquda C-432/98 P u C-433/98 P, Ġabra p. I-8535, punt 37); tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica vs Il-Kunsill (C-76/00, Ġabra p. I-79, punt 93), u tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-326/05 P, Ġabra p. I-6557, punt 71).

184. Jidher opportun li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fil-mertu meta jirriżulta mill-atti li t-tilwima tista' tiġi deċiża [79], skont l-organizzazzjoni li l-leġiżlatur Komunitarju ried jagħti lil dik l-istituzzjoni, bħala qorti moderna ta' kassazzjoni, li għandha poteri wesgħin biex tagħti sentenza ta' annullament jekk tqisha xierqa [80].

185. F'dan il-każ m'hemmx dubju li l-kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-appell għandha natura purament ġuridika. Għalkemm illimitat id-dibattitu għall-prinċipju tal-produzzjoni tad-dannu, mingħajr ma ddeċidiet fuq il-kwantifikazzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ħalliet dan il-kompitu, ta' kumplessità notevoli fil-kuntest ta' din il-kawża, għal proċedura ulterjuri fil-kuntest tal-fażi tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Huwa kuntrarju għall-prinċipju tal-ekonomija proċedurali li l-kawża tiġi rrinvijata lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex hija tagħmel biss stima tal-ammont tal-indennizz dovut mill-Kummissjoni. Xejn ma jimpedixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel dan ix-xogħol, kif ġara fil-passat [81], fid-dawl tal-metodu indikat fis-sentenza appellata.

79 — J. Héron, *Droit judiciaire privé,* Ed. Montchrétien, Pariġi, 1991, p. 517; J. Vincent, u S. Guinchard, *Procédure civile,* Ed. Dalloz, Pariġi, 1994, p. 922.

80 — J. Nieva Fenoll, *El recurso de casación ante el Tribunal de Justicia de las Comunidades Europeas,* Ed. Bosch, Barċellona, 1998, p. 430.

81 — Sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1979, Ireks-Arkady vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (238/78, Ġabra p. 2955); tas-7 ta' Novembru 1985, Adams vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq; tas-26 ta' Ġunju 1990, Sofrimport vs Il-Kummissjoni (C-152/88, Ġabra p. I-2477), u tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

## VIII — Fuq l-ispejjeż dwar iż-żewġ istanzi tal-ġudizzju

186. Is-soluzzjoni li qed nipproponi ma tobbligax li Schneider tiġi kkundannata li tbati għalkollox l-ispejjeż billi l-Kummissjoni kienet telliefa parzjalment biss għalkemm ma kinux il-kwistjonijiet prinċipali.

187. Billi l-Qorti tal-Prim'Istanza rriżervat id-deċiżjoni fuq l-ispejjeż tal-proċedura, peress li qed jiġi propost li l-kwistjoni dwar l-evalwazzjoni tad-dannu li Schneider sofriet dwar l-ispejjeż li kellha ssostni għall-parteċipazzjoni tal-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni tiġi solvuta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ikun jeħtieġ li jiġu deċiżi l-ispejjeż relattivi kemm tal-proċedura tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell.

188. F'dan ir-rigward, evalwazzjoni ġusta tal-elementi tat-tilwima fil-kumpless tagħhom iwassal għall-kundanna tal-kumpannija Schneider biex tbati żewġ terzi tal-ispejjeż li għamlet il-Kummissjoni Ewropea fiż-żewġ istanzi tal-kawża.

## IX — Konklużjoni

189. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li jippreċedu, nitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex:

1) tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2007, kawża T-351/03, li kkundannat lill-Komunità Ewropea li tħallas lill-kumpannija Schneider Electric SA kumpens ta' żewġ terzi tad-dannu mġarrab, minħabba t-tnaqqis tal-prezz tat-trasferiment ta' Legrand SA li Schneider Electric kellha tikkonċedi lill-konċessjonarju biex jiġi estiż it-terminu għat-twettiq tal-bejgħ ta' Legrand sal-10 ta' Diċembru 2002.

2) tannulla wkoll il-punti 5 sa 10 tad-dispożittiv tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, li bis-saħħa tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza ordnat perizja sabiex jiġi vvalutat l-ammont ta' dan id-dannu, u attribwiet lil Schneider Electric SA il-benefiċċju tal-interessi moratorji.

3) tiċħad ir-rikors għall-kumplament.

4) tordna lill-partijiet li jittrażmettu lill-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' tliet xhur mill-għoti tas-sentenza, stima tagħhom, li jaqblu fuqha, tal-ammont tal-ispejjeż imġarrba minn Schneider Electric biex tipparteċipa fit-tkomplija tal-kontroll tal-konċentrazzjoni wara l-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2002, fil-kawżi magħquda T-310/01 u T-77/02, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni.

5) fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, tordnalhom jippreżentaw lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-istess terminu, it-talbiet ikkwantifikati tagħhom.

6) tikkundanna lill-kumpannija Schneider Electric tħallas żewġ terzi tal-ispejjeż imġarrba mill-Kummissjoni Ewropea fil-proċedura tal-appell u fl-ewwel istanza, kif ukoll tħallas l-ispejjeż tagħha fir-rigward taż-żewġ istanzi tal-kawża.